

Brussell, 23 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13533/26

COASI 181
ASIE 41
CFSP/PESC 1498
PE 108
ECOFIN 1212
WTO 105
COHOM 120

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2026) 22 final
Suġġett:	RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong: Rapport Annwali għall-2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2026) 22 final.

Mehmuż: JOIN(2026) 22 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 22.9.2026
JOIN(2026) 22 final

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong:

Rapport Annwali għall-2025

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IR-REĠJUN AMMINISTRATTIV SPEĊJALI TA' HONG KONG:

RAPPORT ANNWALI GĦALL-2025

Sommarju

Minn mindu Hong Kong għadda f'idejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fl-1997, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha segwew mill-qrib l-iżviluppi politiċi u ekonomiċi fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali (RAS) ta' Hong Kong.

F'konformità mal-impenn mogħti lill-Parlament Ewropew fl-1997, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/il-Viċi President joħorġu rapport annwali dwar l-iżviluppi f'Hong Kong. Matul is-snin, dan inkluda enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" u fuq l-awtonomija ta' Hong Kong kif iddikjarat fil-Liġi Bażika ta' Hong Kong stess.

Dan huwa t-28 rapport, li jkopri l-2025. Fl-2025, Hong Kong baqa' t-tielet l-akbar ċentru finanzjarju tad-dinja (u l-akbar fl-Asja) u ċentru importanti għall-kummerċ u l-loġistika. Madwar 1 770 kumpanija tal-UE kienu attivi f'Hong Kong, u b'hekk l-UE saret l-akbar preżenza kummerċjali barranija mhux Ċiniża fir-RAS. Madwar nofs daww il-kumpaniji kienu qed imexxu operazzjonijiet reġjonali minn Hong Kong. Iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE komplew jagħmlu kontribuzzjonijiet sinifikanti għall-ekonomija u għas-soċjetà tar-RAS, inkluż fix-xjenza, fl-edukazzjoni u fil-kultura. Is-sistema tal-liġi komuni ta' Hong Kong, flimkien ma' sistema fiskali baxxa u sempliċi huma karatteristiċi li jgħinu biex tinżamm l-attrazzjoni tiegħu għall-kumpaniji internazzjonali.

Politikament, is-sena kienet ikkaratterizzata minn: (i) leġiżlazzjoni sussidjarja addizzjonali dwar is-sigurtà nazzjonali, (ii) it-tieni elezzjoni tal-Kunsill Leġiżlattiv "għall-patrijotti biss" li kienet tinkludi mekkaniżmu ta' skrutinju politiku, (iii) ċaħda mill-Kunsill Leġiżlattiv ta' abbozz ta' liġi propost li jirrikonxxi s-sħubijiet bejn persuni tal-istess sess u (iv) konċentrazzjoni kontinwa fuq is-sigurtà nazzjonali fil-ħames sena wara l-impożizzjoni tal-Liġi tas-Sigurtà Nazzjonali, inklużi każijiet tal-qrati ta' profil għoli. Id-deterjorazzjoni tal-grad għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong u tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-poplu ta' Hong Kong kompliet, minkejja l-obbligu legali taċ-Ċina li żżommhom sa mill-inqas l-2047.

Fl-2025 komplew il-proċessi kontra attivisti, difensuri u politiċi favur id-demokrazija skont il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali (NSL) tal-2020 u leġiżlazzjoni oħra. F'Diċembru, il-qorti kkundannat lill-imprenditur tal-media u d-difensur tad-demokrazija, Jimmy Lai, fuq akkużi ta' sigurtà nazzjonali u sedizzjoni. Il-proċess ra dewmien sostanzjali u dam għaddej sentejn. Lai ilu miżmum arrestat kontinwament mill-31 ta' Diċembru 2020, l-aktar f'reklużjoni.

Fil-każ li tressaq kontra l-mexxejja tal-Alleanza ta' Hong Kong b'Appoġġ għall-Movimenti Demokratiċi Patrijottiċi fiċ-Ċina, li kienu jorganizzaw tishir li jfakkru r-repressjoni ta' Tiananmen tal-1989 kontra l-protesti favur id-demokrazija fiċ-Ċina, il-proċess ġie pospost għat-tieni darba u skedat mill-ġdid biex jibda fil-21 ta' Jannar 2026. Ħafna mill-konvenuti ilhom miżmuma arrestati minn Settembru 2021, f'xi każijiet għal perjodi twal f'reklużjoni.

Il-proċedimenti ta' appell għal 12-il politikant u attivist favur id-demokrazija kkundannati skont l-NSL għall-parteċipazzjoni tagħhom f'elezzjoni primarja tal-2020 seħħew bejn l-14 ta' Lulju u s-17 ta' Lulju. F'Mejju 2024, il-qorti kienet sabet ħatja 45 mis-47 konvenut fil-kawża oriġinali, komunement magħrufa bħala "Hong Kong 47".

L-awtoritajiet bdew ukoll prosekuzzjonijiet għodda kemm skont l-NSL kif ukoll skont l-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali (SNSO). Fis-6 ta' Ġunju, l-attivista Joshua Wong ġie akkużat mill-ġdid "b'reat ta' assoċjazzjoni biex titwettaq kollużjoni ma' forzi barranin". Wong bħalissa qed iservi sentenza ta' priġunerija ta' 4 snin u 8 xhur bħala parti mill-każ ta' sovverżjoni ta' "Hong Kong 47". Orġinarjament kien mistenni li jinħeles f'Jannar 2027. F'Diċembru 2025, l-awtoritajiet invokaw ir-reati ta' "preġudizzju tal-investigazzjoni ta' reati li jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali" u "taħriġ illegali" maħluqa skont l-SNSO, magħrufa wkoll bħala l-leġiżlazzjoni tal-Artikolu 23, li ġiet adottata fl-2024. Kwok Yin-sang, missier l-attivista eżiljata Anna Kwok ġie mħarrek talli pprova jamministra l-assi finanzjarji ta' bintu, reat ġdid ieħor maħluq taħt l-SNSO. Dan huwa l-ewwel każ fejn qarib ta' attivist(a) imfittex/imfittxija kien akkużat b'reat kontra s-sigurtà nazzjonali.

F'applikazzjoni ekstraterritorjali tal-NSL, l-awtoritajiet ta' Hong Kong ħarġu mandati ta' arrest bi premijiet offruti kontra 15-il attivist barrani ieħor għall-allegat involviment tagħhom fl-organizzazzjoni "Parlament ta' Hong Kong," inkluż ċittadin Ewropew li jirrisjedi fil-Ġermanja. B'kollox, il-pulizija ħarġet mandati ta' arrest immirati lejn 34 individwu li jirrisjedu barra mill-pajjiż.

Fl-2025 komplejna naraw sentenzi tal-qorti li jappoġġaw l-avvanz tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+. Madankollu, il-Kunsill Leġiżlattiv irrifjuta abbozz ta' liġi maħsub biex jistabbilixxi qafas alternattiv għal sħubijiet bejn persuni tal-istess sess, rekwiżit impost mill-Qorti tal-Appell Finali ta' Hong Kong f'Settembru 2023; għad iridu jitħabbru miżuri amministrattivi ta' rimedju.

L-UE ripetutament qajmet tħassib dwar l-erożjoni tal-grad għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong u tal-libertajiet fundamentali, kemm f'dikjarazzjonijiet pubbliċi kif ukoll fi skambji privati ma' uffiċjali minn Hong Kong u l-Gvern Ċentrali.

Il-Kelliem tal-UE ħareġ dikjarazzjonijiet dwar Hong Kong li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin:

- it-30 ta' Ġunju 2025 – Dikjarazzjoni mill-Kelliem fil-ħames anniversarju tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali¹
- Il-31 ta' Lulju 2025 – Dikjarazzjoni mill-Kelliem dwar il-mandati ta' arrest ekstraterritorjali²
- il-15 ta' Diċembru 2025 – Dikjarazzjoni mill-Kelliem dwar il-verdett fil-kawża ta' Jimmy Lai³

¹ Dikjarazzjoni mill-Kelliem fil-ħames anniversarju tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali, it-30 ta' Ġunju 2025, disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/eeas/hong-kong-statement-spokesperson-fifth-anniversary-national-security-law_en?ettrans=mt.

² Dikjarazzjoni mill-Kelliem dwar il-mandati ta' arrest ekstraterritorjali, il-31 ta' Lulju 2025, disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/eeas/hong-kong-statement-spokesperson-extraterritorial-arrest-warrants_en?ettrans=mt.

³ Dikjarazzjoni mill-Kelliem dwar il-verdett fil-kawża ta' Jimmy Lai, il-15 ta' Diċembru 2025, disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/eeas/hong-kong-statement-spokesperson-verdict-jimmy-lai-case-15-december-2025_en.

Il-post tal-Kelliem tal-UE fuq X (li qabel kien Twitter) dwar Hong Kong kopra l-kwistjonijiet li ġejjin:

- it-22 ta' Frar 2025 – Post mill-Kelliem tal-UE dwar it-tnaqqis ulterjuri tal-ispazju għas-soċjetà ċivili⁴
- l-4 ta' Ġunju 2025 – Post mill-Kelliem tal-UE fis-36 Anniversarju tal-avvenimenti fi Pjazza Tiananmen⁵
- id-29 ta' Novembru 2025 – Post mill-Kelliem tal-UE dwar it-traġedja tan-nar f'Tai Po⁶

Il-post tal-Uffiċċju tal-UE fuq X (li qabel kien Twitter) dwar Hong Kong kopra l-kwistjoni relatata mad-drittijiet tal-bniedem li ġejja:

- il-11 ta' Settembru 2025 – Post dwar l-impenn tal-UE għad-drittijiet tal-LGBTIQ+⁷

Id-dikjarazzjonijiet tal-G7 dwar Hong Kong koprew il-kwistjonijiet li ġejjin:

- it-8 ta' Awwissu 2025 - Dikjarazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu (MRR) tal-G7 dwar il-Mandati ta' Arrest ta' Hong Kong⁸
- is-17 ta' Diċembru 2025 – Dikjarazzjoni tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 dwar il-verdett ta' Jimmy Lai f'Hong Kong⁹

L-UE ssottolinjat it-tħassib tagħha dwar l-iżviluppi f'Hong Kong fid-dikjarazzjoni li nqrat fit-80 Sessjoni tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU: Dibattitu Ġenerali fit-3 ta' Ottubru¹⁰. Fis-60 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE qajmet tħassib dwar is-sitwazzjoni f'Hong Kong fil-Punt 4 tad-Dibattitu Ġenerali dwar Sitwazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem li jeħtieġu l-attenzjoni tal-Kunsill, li sar fit-23 ta' Settembru¹¹. L-UE tenniet li baqgħet “imħassba dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dwar l-ispazju ċiviku li qed jiċkien f'Hong Kong.” L-UE ħeġġet lill-“Gvern Ċiniż u lill-awtoritajiet ta' Hong Kong biex jerġgħu jistabbilixxu r-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali, u l-prinċipji demokratiċi.”

⁴ Post mill-Kelliem tal-UE dwar it-tnaqqis ulterjuri tal-ispazju għas-soċjetà ċivili, it-22 ta' Frar 2025, disponibbli fuq:

<https://x.com/ExtSpoxEU/status/189300273827272217>.

⁵ Post mill-Kelliem tal-UE fis-36 Anniversarju tal-avvenimenti fi Pjazza Tiananmen, l-4 ta' Ġunju 2025, disponibbli fuq:

<https://x.com/ExtSpoxEU/status/1930307246191239378>.

⁶ Post mill-Kelliem tal-UE dwar it-traġedja tan-nar f'Tai Po, id-29 ta' Novembru 2025, disponibbli fuq:

<https://x.com/ExtSpoxEU/status/1994669852435644471?s=20>.

⁷ Post li jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għad-drittijiet tal-LGBTIQ+, il-11 ta' Novembru 2025, disponibbli fuq:

<https://www.facebook.com/share/p/1D3SVRQM7a/>

⁸ Dikjarazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu (MRR) tal-G7 dwar il-Mandati ta' Arrest ta' Hong Kong, it-8 ta' Awwissu 2025, disponibbli fuq: https://www.canada.ca/en/global-affairs/news/2025/08/g7-rapid-response-mechanism-rrm-statement-on-hong-kong-arrest-warrants.html?fbclid=IwY2xjawOoqMBleHRuA2FlbQlXMAbicmlkETf4NkJodko2N0VMM0I1UFoyc3J0YwZhcHBfaWQQMjlyMDM5MTc4ODIwMDg5MgABHvQGci1v3q9YANbN4Ys05wBMfLgNRzBXCkR2TqrsQvdo5VOmPxMQAZvIvPdJ_aem_UvVvQSGAGfU8V0bUbZ3KfQ.

⁹ Dikjarazzjoni tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 dwar il-verdett ta' Jimmy Lai f'Hong Kong, is-17 ta' Diċembru 2025, disponibbli fuq: <https://g7.canada.ca/en/news-and-media/news/g7-foreign-ministers-statement-on-the-jimmy-lai-verdict-in-hong-kong/>.

¹⁰ Dikjarazzjoni tal-UE – It-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU: Dibattitu Ġenerali, it-3 ta' Ottubru 2025, disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/delegations/un-new-york/eu-statement-%E2%80%93-3rd-committee-general-debate_en?s=63?ettrans=mt.

¹¹ Dikjarazzjoni tal-UE - HRC60 - il-Punt 4, Dibattitu ġenerali dwar sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li jeħtieġu l-attenzjoni tal-Kunsill, it-23 ta' Settembru 2025, disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/delegations/un-geneva/eu-statement-hrc60-item-4-general-debate-human-rights-situations-require-council%E2%80%99s-attention_en?ettrans=mt.

L-UE qajmet ukoll tħassib dwar “l-użu ripressiv tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali, li qed ikompli jdgħajjed id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali” fl-40 sessjoni tad-Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li saret fit-13 ta’ Ġunju fi Brussell. L-UE talbet ukoll il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet taċ-ċittadin Brittaniku Jimmy Lai u tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Chow Hang-tung.

Fl-2025, l-ekonomija ta’ Hong Kong kibret għat-tielet sena konsekuttiva, b’żieda ta’ 3,5 % fil-PDG sena wara sena u bi tkabbir ekonomiku appoġġat mis-servizzi finanzjarji, kif ukoll mill-kummerċ u l-loġistika. L-industrija tal-kostruzzjoni, tal-proprjetà immobbli u dawk relatati mat-turiżmu ffaċċjaw sfidi matul is-sena. Fl-2025, l-UE baqgħet l-akbar komunità kummerċjali barranija mhux Ċiniża ta’ Hong Kong imkejla bin-numru ta’ kumpaniji. Hong Kong kien l-għaxar l-akbar sieħeb tal-UE globalment għall-kummerċ fis-servizzi, id-disa’ l-akbar sors ta’ investiment dirett barrani (IDB) fl-UE u l-erbatax l-akbar destinazzjoni tal-istokk tal-IDB tal-UE skont l-Eurostat (fl-2024, l-aħħar sena b’dan disponibbli fil-ħin tal-kitba). Hong Kong għandu rwol bħala ċentru għall-kummerċ, il-loġistika u s-servizzi kummerċjali u finanzjarji, inkluż għall-kumpaniji tal-UE.

I. Żviluppi politiċi u soċjali

Elezzjonijiet tal-Kunsill Leġiżlattiv

It-tieni Elezzjoni Ġenerali tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-2025 “patrijotti biss” saret fis-7 ta’ Diċembru, u din baġtet 90 leġiżlatur fit-tmien Kunsill Leġiżlattiv. Il-kandidati kollha kellhom jgħaddu minn proċess ta’ skrutinju politiku meħtieġ mil-liġi. Mid-90, 40 kienu membri għall-ewwel darba tal-Kunsill Leġiżlattiv u 27, rekord għoli, kienu wkoll membri jew tal-Kongress Nazzjonali tal-Poplu (15) jew tal-Konferenza Konsultattiva Politika tal-Poplu Ċiniż (12), li jikkostitwixxu żieda mill-elezzjonijiet tal-2021. Separatament, mill-inqas nofs il-leġiżlaturi eletti kienu impjegati jew diretturi ta’ bordijiet f’kumpaniji taċ-Ċina Kontinentali, żieda ta’ 60 % meta mqabbla ma’ 4 snin ilu.

Il-parteċipazzjoni għall-20 siġġu tal-Kostitwenza Ġeografika eletti direttament laħqet 31,9 %, jew 1.3 miljun votant. Ir-rata qabżet it-30,2 % irreġistrata fl-aħħar elezzjoni, iżda baqgħet it-tieni l-aktar baxxa li qatt ġiet irreġistrata. Filwaqt li r-rata ta’ parteċipazzjoni żdiedet b’1,7 punti perċentwali, l-għadd totali ta’ votanti reali naqas b’madwar 33 000 hekk kif il-bażi tal-elettorat ċkienet bi 340 000. L-għadd ta’ voti invalidi żdied b’50 % u laħaq 41 147, rekord għoli.

Għall-Kostitwenza Funzjonali, li tirrappreżenta l-aktar l-industrija u l-gruppi ta’ interess u fejn 30 siġġu jiġu rritornati b’elezzjoni indiretta, il-parteċipazzjoni kumulattiva laħqet 40,09 % – żieda ta’ 7,87 punti perċentwali – li tirrappreżenta 76 942 votant. Fil-Kostitwenza tal-Kumitat Elettorali, 1 458 minn 1 466 elettur irreġistrat tefgħu l-vot tagħhom, u dan wassal għal parteċipazzjoni ta’ 99,45 % – li qabżet dik ta’ 98,48 % irreġistrata fl-2021.

Il-Gvern kien ibbaġitja 70 % aktar fuq l-attivitajiet ta’ promozzjoni elettorali meta mqabbel ma’ 4 snin ilu, u dan jirrappreżenta spiża li tilħaq HKD 180 miljun (EUR 20 miljun). Il-Gvern estenda wkoll is-sigħat tal-votazzjoni mis-soltu 08:30 – 22:30 għal 07:30 – 23:30. Ġew stabbiliti erba’ tipi ġodda ta’ postijiet tal-votazzjoni magħżula biex jagħmlu l-votazzjoni aktar faċli għall-impjegati taċ-ċivil, il-ħaddiema mediċi, il-gruppi ta’ minoranzi etniċi u r-residenti anzjani u b’diżabilità. Il-Kap Eżekuttiv iddikjara li l-vot huwa “dmir” tal-impjegati taċ-ċivil.

Il-Gvern ħa wkoll it-tmexxija fl-organizzazzjoni ta' fora elettorali – matul kampanji preċedenti, tali fora kienu ġew organizzati mill-mezzi tal-media.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Indipendenti Kontra l-Korruzzjoni arrestat 11-il persuna talli allegatament inċitaw lil oħrajn biex ma jivvotawx jew biex jittgħu voti invalidi fl-elezzjoni u ħarrket tlieta minnhom. L-aġenzija kontra l-korruzzjoni, li hija wkoll responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' reati relatati mal-elezzjoni, ħarġet mandati ta' arrest għal żewġ persuni bbażati barra mill-pajjiż suspettati li jagħmlu tali posts fuq il-media soċjali online. Barra minn hekk, il-pulizija arrestat mill-inqas 29 persuna fuq allegat dannu kriminali lil posters li jippromwovu l-elezzjoni, inkluż ċittadin Spanjol ta' 66 sena. Tressqu mill-inqas żewġ każijiet quddiem il-qorti.

Il-korp tal-gvern ċentrali bbażat f'Hong Kong, jiġifieri l-Uffiċċju għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali, żvela fis-6 ta' Diċembru – jum qabel l-elezzjoni – li kien “ħarrek” mezzi tal-media barranin u ġurnalisti għal dak li sejjaħ “attakk u interferenza fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Leġiżlattiv.” Din kienet azzjoni mingħajr preċedent.

L-osservaturi qajmu mistoqsijiet dwar il-koordinazzjoni tal-kandidaturi mill-awtoritajiet Ċentrali. Total ta' 161 kandidat irreġistraw fl-elezzjoni, li kkompetew għas-siġġijiet kollha. L-ebda wieħed mit-12-il leġiżlatur ta' 70 sena jew aktar u lanqas il-leġiżlaturi meqjusa li huma kritiċi wisq ma rnexxielhom joħorġu biex jiġu eletti mill-ġdid. L-Uffiċċju tax-Xogħol ta' Hong Kong u tal-Macao bbażat f'Beijing ċaħad l-eżistenza ta' “lista approvata minn qabel” ta' kandidati f'mill-inqas tliet kummentarji ppubblikati mill-ġdid fuq is-sit web tiegħu.

Fit-tħejjijiet għall-elezzjonijiet tal-Kunsill Leġiżlattiv, l-ispazju li kien fadal għall-pluraliżmu politiku kompla jonqos. Il-bqija tal-partiti politiċi tal-oppożizzjoni ta' Hong Kong xoljew taħt pressjoni politika qawwija. Il-Partit Demokratiku, li darba kien l-akbar partit fil-leġiżlatura tar-RAS, beda l-proċess ta' xoljiment fit-13 ta' April u kkonkludih b'vot tal-assemblea ġenerali tal-partit fl-14 ta' Diċembru. Fid-29 ta' Ġunju, il-Lega tad-Demokratiċi Soċjali ħabbret ix-xoljiment tagħha, fejn iċċitat “pressjoni politika enormi”.

Matul il-mandat ta' 4 snin tas-seba' Kunsill Leġiżlattiv, għaddew 130 abbozz ta' liġi tal-Gvern, żieda ta' 60 % meta mqabbla mal-mandat preċedenti. L-uniku proġett leġiżlattiv introdott mill-Gvern li ġie miċħud mill-Kunsill Leġiżlattiv kien l-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tas-Sħubijiet bejn Persuni tal-Istess Sess. Il-leġiżlatura ma baġtet l-ebda delegazzjoni lejn l-Ewropa jew lejn l-Amerika ta' Fuq matul il-mandat kurrenti tagħha ta' 4 snin, l-ewwel darba mill-1997.

F'Lulju 2025, il-leġiżlaturi approvaw b'mod unanimu “Kodiċi għall-Membri tal-Kunsill Leġiżlattiv” ġdid li speċifika r-rekwiżiti għall-attenzenza għal-laqqgħat, il-votazzjoni u dmirijiet oħrajn, filwaqt li introduċew pieni aktar ħorox għal imġiba ħażina. Il-kodiċi ta' kondotta l-ġdid speċifika wkoll li “[il-]membri għandhom jieħdu t-tmexxija eżemplari fit-tweqqif kuxjenzjuż tad-dmir li jissalvagwardjaw is-sigurtà nazzjonali u jtejbju l-għarfien u l-kapaċitajiet tagħhom fis-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali”. Il-kodiċi jistipula wkoll li l-leġiżlaturi ma għandhomx “jivvilifikaw b'mod intenzjonat il-kredibbiltà tal-governanza tal-Kap Eżekuttiv u tal-Gvern tar-RAS”.

L-elezzjonijiet parzjali tas-Sottosettur tal-Kumitat Elettorali tal-2025 saru fis-7 ta' Settembru. Madwar 3 534 votant irreġistraw – li jirrappreżentaw rata ta' parteċipazzjoni ta' 97,33 % –

jittgħu l-vot tagħhom għal 21 siġġu fil-Kumitat magħmul minn 1 500 ruħ li huwa responsabbli biex jagħżel il-Kap Eżekuttiv u 40 siġġu fil-Kunsill Leġislattiv.

Implimentazzjoni tal-leġislazzjonijiet dwar is-sigurtà nazzjonali

L-2025 kienet il-ħames anniversarju mill-impożizzjoni tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali. L-uffiċjali tal-gvern tennew li “s-sigurtà nazzjonali hija impenn kontinwu u bla tmiem”.

Mill-1 ta' Diċembru, il-pulizija għamlet 365 arrest skont l-NSL, l-SNSO u leġislazzjoni oħra dwar is-sigurtà nazzjonali. F'Ġunju, is-Segretarju għas-Sigurtà ħabbar li l-hotline dwar is-sigurtà nazzjonali kien irċieva aktar minn 920 000 rapport matul l-aħħar 4 snin.

F'Mejju, il-Gvern adotta żewġ biċċiet ta' leġislazzjoni sussidjarja skont l-NSO fi proċess li dam biss 3 ijiem: l-għoti ta' informazzjoni lil-leġislaturi dwar il-pjan leġislattiv fil-11 ta' Mejju, il-konsultazzjoni mal-leġislaturi fit-12 ta' Mejju u l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' liġi fit-13 ta' Mejju.

Waħda miż-żewġ biċċiet ta' leġislazzjoni sussidjarja stabbiliet id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-SNSO. Inħolqu ħames reati fir-rigward tal-ħidma tal-Uffiċċju Kontinentali għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali (OSNS) f'Hong Kong, jiġifieri:

- in-nuqqas ta' konformità ma' dokument legali maħruġ mill-OSNS mingħajr skuża raġonevoli,
- l-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew qarrieqa lill-OSNS,
- id-divulgazzjoni ta' investigazzjoni mill-OSNS,
- ir-reżistenza jew it-tfixkil volontarji tal-ħidma tal-OSNS; kif ukoll,
- l-impersonifikazzjoni ta' membru tal-persunal tal-OSNS.

Il-liġi sussidjarja introduċiet piena massima ġdida ta' priġunerija ta' 7 snin u multa ta' HKD 500 000 (EUR 56 700).

Fil-15 ta' Mejju, is-Segretarju għall-Ġustizzja saħaq li kull min jirċievi talba mingħand l-OSNS biex jissottometti informazzjoni huwa obligat jikkonforma, anke meta l-informazzjoni tkun koperta minn ftehim ta' nondivulgazzjoni.

Il-biċċa l-oħra tal-leġislazzjoni sussidjarja ddikjarat sitt postijiet deżinjati tal-OSNS bħala postijiet ipprojbti.

Fit-12 ta' Ġunju, l-OSNS u d-Dipartiment tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Forza tal-Pulizija ta' Hong Kong wettqu l-ewwel operazzjoni konġunta magħrufa pubblikament tagħhom. Skont l-awtoritajiet, sitt persuni u organizzazzjoni kienu ssuspettati li wettqu r-reat ta' “kollużjoni ma' pajjiż barrani jew ma' elementi esterni biex jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali” skont il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali bejn Novembru 2020 u Ġunju 2024. Il-pulizija ta' Hong Kong wettqet rejd fid-djar tal-persuni suspettati u ta' uffiċċju ta' organizzazzjoni u kkonfiskat id-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-persuni suspettati.

Fl-14 ta' Ġunju, is-Segretarju għas-Sigurtà spjega li l-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Gvern Ċentrali bbażat f'Hong Kong talab l-assistenza tal-pulizija ta' Hong Kong biex jaċċerta jekk kinux jeżistu ċirkostanzi biex l-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali jeżerċita ġurisdizzjoni ta' każ ta' sigurtà nazzjonali f'Hong Kong taħt l-approvazzjoni tal-Gvern Ċentrali tal-Poplu – setgħa

minquxa fl-Artikolu 55 tal-NSL. Mill-aħħar tal-2025, il-każ ma ġiex imħarrek u l-identitajiet tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati baqgħu mhux magħrufa.

Il-proċedimenti ġudizzjarji tal-każijiet impressqa skont l-NSL, l-SNSO u leġislazzjoni relatata oħra komplew fl-2025, b'dewmien konsiderevoli f'xi każijiet. Ħafna mill-konvenuti ilhom miżmuma taħt arrest minn nofs l-2021, f'xi każijiet f'reklużjoni fit-tul.

Il-proċedimenti ta' appell għal 12-il politikant u attivist favur id-demokrazija ikkundannati skont l-NSL talli pparteċipaw f'elezzjoni primarja tal-2020 saru bejn l-14 u s-17 ta' Lulju. F'Mejju 2024, il-qorti kienet sabet ħatja 45 mis-47 konvenut fil-kawża oriġinali, komunement magħrufa bħala "Hong Kong 47", u lliberat tnejn minnhom. 12-il konvenut li nstabu ħatja ta' "reat ta' assoċjazzjoni biex jikkommettu sovverżjoni" talbu termini ta' prigionerija inqas ħorox jew biex il-kundanni tagħhom jinbidlu, filwaqt li l-prosekutur ikkontesta d-deċiżjoni ta' ħelsien mill-ħtija fuq konvenut wieħed. Il-prosekuzzjoni appellat biex tinbidel deċiżjoni waħda ta' ħelsien mill-ħtija. Il-verdett tal-appell ingħata fi Frar 2026.

Sadanittant, 14 mill-45 konvenut inħelsu malli kkonkludew is-sentenzi ta' prigionerija tagħhom. Fosthom, Andrew Chiu sar l-ewwel trasgressur tas-sigurtà nazzjonali li kiseb maħfra mis-sentenza tad-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi u nħeles fit-28 ta' Ottubru. Chiu ħadem mal-prosekuturi biex jixhed kontra 16 mill-eks sħabu li kienu wiegħbu mhux ħatja, u b'hekk kiseb maħfra mis-sentenza oriġinali tiegħu ta' 7 snin¹².

Il-proċess tal-NSL kontra l-Alleanza ta' Hong Kong b'Appoġġ għall-Movimenti Demokratiċi Patrijottiċi taċ-Ċina (l-Alleanza ta' Hong Kong), skedat li jibda fil-11 ta' Novembru 2025, ġie pospost għat-tieni darba u skedat mill-ġdid biex jibda fit-22 ta' Jannar 2026. Il-proċess mistenni jdum 75 jum. Il-grupp tas-soċjetà ċivili, li issa xolja, kien jorganizza l-velja annwali bix-xemgħat ta' Hong Kong biex jikkommemora r-repressjoni ta' Tiananmen tal-1989. Il-prosekutur akkuża lill-Alleanza ta' Hong Kong u lill-membri ewlenin tagħha b'"inċitament għal sovverżjoni". Il-piena massima hija ta' għomor il-ħabs. Albert Ho, wieħed mill-konvenuti, iddeċieda li jammetti l-ħtija fil-kawża.

F'kawża relatata, fis-6 ta' Marzu, il-Qorti tal-Appell Finali biddlet il-kundanni ta' tliet eks membri tal-Alleanza ta' Hong Kong, inkluż il-viċi president Chow Hang-tung, talli naqsu milli jikkonformaw mat-talbiet tal-pulizija skont l-NSL.

Fil-proċess tal-NSL u ta' sedizzjoni kontra l-imprenditur tal-media u l-attivist favur id-demokrazija Jimmy Lai, il-Qorti Suprema tat verdett ta' ħtija fuq żewġ akkużi skont l-NSL fil-15 ta' Diċembru ("reat ta' assoċjazzjoni biex titwettaq kollużjoni ma' pajjiż barrani jew ma' elementi esterni biex jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali") u akkuża waħda skont il-liġi dwar is-sedizzjoni tal-era kolonjali ("reat ta' assoċjazzjoni għall-ipprintjar, il-pubblikazzjoni, il-bejgħ, l-offerta għall-bejgħ, id-distribuzzjoni, il-wiri u/jew ir-riproduzzjoni ta' pubblikazzjonijiet sedizjużi"). Flimkien ma' Lai, ġew ikkundannati wkoll tliet kumpaniji marbuta mal-gazzetta Apple Daily, li issa ma għadhiex teżisti. Sitt eks ġurnalisti ta' Apple Daily ammettew il-ħtija f'Novembru 2022.

¹² F'kawża separata fil-qorti, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet, fl-24 ta' Ġunju, li d-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi ma kienx obligat jikkunsidra li jaġhti lil Adam Ma – dimostrant ikkundannat għal seċessjoni – ħelsien bikri wara li kien ingħata sentenza ta' prigionerija. Is-sentenza enfasizzat li kwalunkwe tnaqqis fis-sentenza mogħtija kien diskrezzjonali u li ċ-ċaħda ta' ħelsien bikri lil prigionier ma kinitx tikser id-dritt tiegħu għal-libertà.

Il-proċess ra dewmien sinifikanti. Dan dam għaddej 156 jum minflok it-83 jum li kienu pproġettati inizjalment. Is-sentenza kienet tinkludi referenza sostanzjali għall-kliem u l-azzjonijiet minn Lai li jmorru lura għal qabel ma l-NSL daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2020. Il-proċess ta' mitigazzjoni u l-għoti tas-sentenzi se jkunu koperti fir-rapport annwali tal-2026 kif seħħew fl-2026.

Il-familja ta' Lai esprimiet b'mod konsistenti tħassib dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabs u s-sitwazzjoni tas-saħħa tar-raġel ta' 78 sena.

Wara l-verdett, ħafna uffiċjali għoljin ta' Hong Kong esprimew l-appoġġ tagħhom għad-deċiżjoni, li kienet bla preċedent fil-kuntest ta' kawża l-qorti f'Hong Kong. L-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Ministeru għall-Affarjiet Barranin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'Hong Kong ippubblika disa' artikoli bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru, li fihom afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għad-deċiżjoni u rribatta l-kritika.

Barra minn hekk, fl-2025 Lai appella kontra l-kundanni u s-sentenzi tiegħu relatati mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-velja bix-xemgħat tal-4 ta' Ġunju 2020, kif ukoll każ ta' frodi separat relatat ma' Apple Daily.

Fis-6 ta' Ġunju, l-attivista **Joshua Wong** ġie akkużat mill-ġdid b'“reat ta' assoċjazzjoni biex titwettaq kollużjoni ma' forzi barranin” skont l-NSL. Wong tressaq il-qorti fis-6 ta' Ġunju hekk kif il-prosekuturi allegaw li kien involva ruħu f'reat ta' assoċjazzjoni mal-eks leġiżlatur eżiljat, Nathan Law u oħrajn, bejn l-1 ta' Lulju u t-23 ta' Novembru 2020 biex jitlob lil organizzazzjonijiet barranin jimponu sanzjonijiet jew jieħdu azzjonijiet ostili kontra r-RAS ta' Hong Kong jew ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Wong bħaliisa qed jiskonta sentenza ta' priġunerija ta' 4 snin u 8 xhur bħala parti mill-każ ta' sovverżjoni “Hong Kong 47” u kien mistenni li jinħeles f'Jannar 2027. Huwa seta' jingħata sentenza ta' priġunerija addizzjonali li tvarja minn 3 snin għal għomor il-ħabs.

F'Settembru, il-Qorti tal-Appell irrifjutat talba minn **Wong Kin-Chung**, magħruf ukoll bħala **Joseph John**, ċittadin Portugiż u resident Brittaniku, li nstab ħati ta' “inċitament għal seċessjoni” biex iressaq appell fil-Qorti tal-Appell Finali biex jikkontesta s-sentenza ta' 5 snin priġunerija tiegħu. Huwa mbagħad ipproċeda bil-preżentazzjoni diretta ta' rikors il-Qorti tal-Appell Finali, li ġiet miċħuda wkoll f'Novembru.

Fl-15 ta' Diċembru, żagħżuġ ta' 16-il sena ngħata sentenza ta' 3 snin u nofs priġunerija wara li ammetta l-ħtija tiegħu f'reat ta' assoċjazzjoni biex titwettaq seċessjoni.

Matul is-sena, l-awtoritajiet bdew prosekuzzjonijiet ġodda li jinvokaw reati skont l-SNSO. Għaxar individwi ġew arrestati għal “**taħriġ illegali**” – reat skont l-Artikolu 13 tal-SNSO li jindika taħriġ ta' stil militari – fil-bidu ta' Diċembru; tnejn minnhom ġew akkużati b'akkuża waħda ta' “reat ta' assoċjazzjoni biex titwettaq sovverżjoni” fil-15 ta' Diċembru. Wong Kwok-ngon, magħruf bil-pseudonimu Wong On-yin, ġie akkużat li “**ppreġudika l-investigazzjoni ta' reati li jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali**” (billi ddivulga d-dettalji ta' investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija waqt investigazzjoni tas-sigurtà nazzjonali) – reat skont l-Artikolu 88 tal-SNSO – u għal sedizzjoni fid-9 ta' Diċembru.

Fil-kawża ta' **Kwok Yin-sang**, missier l-attivista “mfittxija” Anna Kwok, li ġie akkużat li amministra “**fondi jew assi finanzjarji oħrajn**” li jappartjenu lil bintu, il-proċess ta' 4 ijiem

ġie konkluż fit-23 ta' Diċembru, bil-verdett li kien mistenni jingħata fil-11 ta' Frar 2026. Din hija l-ewwel kawża fejn qarib ta' attivista mfittxija huwa akkużat b'reat tas-sigurtà nazzjonali.

Fil-kawża ta' Stand News, fejn il-kundanni għal żewġ eks kapijiet edituri ngħataw f'Settembru 2024 skont il-liġi dwar is-sedizzjoni tal-era kolonjali, wieħed mill-edituri ressaq appell f'Ġunju 2025. Il-proċess tal-appell huwa skedat għal Settembru 2026. F'kawża oħra ta' sedizzjoni, il-Qorti tal-Appell Finali kkonfermat il-kundanna tal-attivista Tam Tak-chi fis-6 ta' Marzu.

Il-Qrati komplew jipproċessaw kawżi relatati mal-protesti tal-2019. Skont il-Ġudikatura ta' Hong Kong, minn April 2025, il-Qrati kienu pproċessaw 96 % tal-kawżi pendenti relatati mal-protesti tal-2019.

L-eks leġiżlatur favur id-demokrazija Lam Cheuk-ting ġie lliberat fis-6 ta' Novembru mill-akkuża li "attakka jew fixkel" lil leġiżlaturi favur Beijing waqt laqgħa kaotika fl-2019 relatata mal-abbozz ta' liġi kontroversjali dwar l-estradiizzjoni. Fis-27 ta' Frar, huwa kien ingħata sentenza ta' priġunerija ta' 37 xahar talli pparteċipa f'"irvell" fl-istazzjon MTR ta' Yuen Long fil-21 ta' Lulju 2019, fejn folla liebsa l-abjad kienet attakkat dimostranti favur id-demokrazija.

F'Marzu, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni liberatorja tal-President tal-Partit Demokratiku Lo Kin-hei, li kien ġie akkużat li pparteċipa f'assemblea illegali fl-2019, qabel ma sar president tal-partit.

Fit-tieni proċess tal-belt skont l-Ordinanza tan-Nazzjonijiet Uniti (Miżuri Kontra t-Terroriżmu), wara proċess ta' 163 jum, il-ġurija lliberat is-seba' konvenuti kollha minn akkużi ta' terroriżmu fl-4 ta' Settembru, iżda kkundannat tlieta minnhom talli involvew ruħhom f'reat ta' assoċjazzjoni biex iwettqu attakki bil-bombi waqt il-protesti tal-2019 skont l-NSL. Il-qorti kkundannat lit-tliet persuni li nstabu ħatja għal sentenzi ta' priġunerija, li jvarjaw minn 16-il sena u 8 xhur sa 18-il sena. Fit-30 ta' Ottubru, wieħed minn dawk illiberati ġie akkużat li involva ruħu f'reat ta' assoċjazzjoni biex jinċita lil oħrajn għal irvellijiet fl-2019.

F'April, l-assistenti soċjali **Jackie Chen** instabet ħatja u ngħatat sentenza ta' priġunerija ta' 45 xahar wara proċess mill-ġdid; sussegwentement, f'Ġunju, il-Bord tar-Reġistrazzjoni tal-Ħidma Soċjali kkanċella l-liċenzja professjonali tagħha.

Ħafna mill-madwar **6 000 dimostrant li ġew arrestati waqt il-protesti tal-2019, iżda li għadhom ma ġewx akkużati**, għadhom fuq ħelsien mill-arrest taħt garanzija, sakemm jitlestew l-investigazzjonijiet tal-pulizija u d-deċiżjonijiet tal-prosekuzzjoni. Fl-2025, l-awtoritajiet allegatament bdew jagħtu r-riabilitazzjoni legali lil uħud minn dawk affettwati wara r-rikonnoxximent iffirmit ta' għemil ħażin u l-wegħda li jħarsu l-liġi.

Fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali, l-istat tad-dritt f'Hong Kong għadu taħt pressjoni severa. L-awtoritajiet ikomplu jipproċedu kontra l-oppożizzjoni politika u kontu l-attivisti skont il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà nazzjonali. Dewmien konsiderevoli fil-proċessi tas-sigurtà nazzjonali, detenzjoni fit-tul qabel il-proċess u l-użu ripetut ta' reklużjoni kienu aktar kawżi ta' tħassib. Għad hemm tħassib dwar id-dritt għal proċess ġust li jiġi rrispettat f'każijiet ta' sigurtà nazzjonali, li jiġu aġġudikati minn imħallfin magħżula bir-reqqa u, sa issa, imwettqa mingħajr ġurija fuq talba tal-prosekuzzjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet użaw dejjem aktar miżuri amministrattivi u regolatorji (inkluża r-revoka ta' liċenzji u kredenzjali professjonali, restrizzjonijiet fuq il-post, spezzjonijiet jew awditi tat-taxxa) biex jagħmlu pressjoni fuq l-

attivisti, il-ġurnalisti u s-soċjetà ċivili. Dawn l-iżviluppi huma ta' piż kbir fuq is-sistema ġudizzjarja tad-dritt komuni ta' Hong Kong. Filwaqt li l-istat tad-dritt għadu fil-biċċa l-kbira intatt barra mill-każijiet ta' sigurtà nazzjonali, hemm riskju ta' effett konsegwenzjali.

Hong Kong jikklassifika fl-24 post minn fost 143 pajjiż u ġuriżdizzjoni globalment fl-Indiċi tal-Istat tad-Dritt tal-2025 maħruġ mill-Proġett Dinji tal-Ġustizzja bbażat fl-Istati Uniti fit-28 ta' Ottubru, fejn niżel b'post wieħed meta mqabbel mas-sena l-oħra. Il-klassifikazzjoni ta' Hong Kong f'termini ta' drittijiet fundamentali niżlet mit-62 post għas-67 post.

Sa tmiem l-2025, kien hemm sitt imħallfin mhux permanenti barranin li kienu qed iservu fil-Qorti tal-Appell Finali ta' Hong Kong - tlieta mill-Awstralja, tnejn mir-Renju Unit u wieħed minn New Zealand. L-imħallef ta' New Zealand William Gillow Gibbes Austen Young inħatar bħala mħallef mhux permanenti. Il-mandat tal-imħallef Lord Hoffmann ġie estiż għal 3 snin. L-imħallef Roberto Ribeiro nħatar mill-ġdid bħala mħallef permanenti fil-Qorti tal-Appell Finali.

L-imħallef Awstraljan Robert French iddeċieda li jirriżenja minn imħallef mhux permanenti f'April. Filwaqt li spjega d-deċiżjoni tiegħu, huwa enfasizza li r-“rwol tal-imħallfin mhux permanenti fil-Qorti tal-Appell Finali sar dejjem aktar anakronistiku u possibbilment kożmetiku.” Separatament, f'Lulju, l-eks president tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit, Lady Hale, iddikjarat li “issa hija aktar konvinta li kienet l-aħjar ħaġa” li tirriżenja mill-Qorti tal-Appell Finali ta' Hong Kong bħala mħallef barrani mhux permanenti fl-2021. Hale sostniet li “l-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali ħadet post il-Liġi Bażika”.

Hong Kong ikompli jippermetti lill-avukati li jipprattikaw f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn tad-dritt komuni li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti legali. Madankollu, matul is-sena, id-Dipartiment tal-Ġustizzja oġġezzjona li l-avukat Brittaniku Tim Owen jirrappreżenta konvenut fi proċess li jappartjeni għall-Ordinanza dwar Reati Organizzati u Serji. Din kienet allegatament l-ewwel darba li nħarġet tali projbizzjoni, bl-Assoċjazzjoni tal-Avukati diġà esprimiet in-nuqqas ta' oġġezzjoni tagħha.

Fl-2025 kompiet issir ukoll enfasi fuq l-integrazzjoni tas-“sigurtà nazzjonali” fil-governanza tar-RAS.

Fil-25 ta' Lulju, l-awtoritajiet ta' Hong Kong ħarġu **mandati ta' arrest u premjijiet fuq 19-il attivist barrani ta' Hong Kong**, inkluż, għall-ewwel darba, ċittadin tal-UE. Fl-4 ta' Awwissu, il-Gvern iddeżinja uffiċjalment 16 mid-19 bħala “persuni li ħarbu,” u dan ġab miegħu restrizzjonijiet ulterjuri: Fost l-individwi, 12 kellhom il-passaporti tar-RAS ta' Hong Kong tagħhom revokati, u eks impjegata taċ-ċivil rat il-pensjoni tagħha tiġi tterminata. Il-pulizija ħarġet mandati ta' arrest immirati lejn total ta' 34 individwu li jirrisjedu barra mill-pajjiż sal-aħħar tas-sena.

Fi Frar, il-Kunsill għad-Demokrazija ta' Hong Kong ibbażat fl-Istati Uniti indika li 38 qarib u 12-il persuna assoċjata f'Hong Kong kienu ttiēhdu mill-pulizija biex jassistu fl-investigazzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali sal-aħħar tal-2024 minħabba r-relazzjonijiet personali tagħhom ma' attivisti barranin “imfittxija”.

Fit-2 ta' Diċembru, is-Segretarju għas-Sigurtà pprojbixxa l-operat tal-organizzazzjoni bbażata fil-Kanada “Hong Kong Parliament” u tal-organizzazzjoni bbażata fit-Tajwan “Hong Kong Democratic Independence Union” f'Hong Kong. Din kienet l-ewwel darba li l-Gvern ta' Hong

Kong invoka s-setgħat tiegħu skont l-SNSO biex jipprojbixxi organizzazzjonijiet meqjusa bħala sovverżivi.

F’Settembru, l-Uffiċċju tas-Sigurtà ta linja gwida lill-impjegati taċ-ċivil kollha biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.

Il-ħames anniversarju tal-NSL ġie mfakkar b’wirja fil-Gallerija tal-Wirjiet dwar l-Edukazzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali fil-Mużew tal-Istorja ta’ Hong Kong.

Fit-18 ta’ Lulju, ir-“Regoli Ġenerali għall-Gvern tal-Ħabsijiet” riveduti daħlu fis-seħħ, u dawn taw is-setgħa lid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi li jirrestrinġi l-aċċess tal-priġunieri għall-avukati u għal viżitaturi oħrajn għal raġunijiet ta’ sigurtà nazzjonali.

Fil-25 ta’ Ġunju, il-Kunsill Leġiżlattiv għadda l-Ordinanza tat-Trade Unions (Emenda) tal-2025 – skedata li tidħol fis-seħħ fil-5 ta’ Jannar 2026. Il-liġi ttipprojbixxi, fost dispożizzjonijiet oħrajn, lil dawk li nstabu ħatja ta’ reati ta’ sigurtà nazzjonali milli jkollhom pożizzjonijiet ta’ tmexxija fi ħdan it-trade unions.

Il-Gwida dwar l-Amministrazzjoni tal-Iskejjel maħruġa f’Mejju tirrikjedi li l-librara tal-iskejjel ineħħu r-riżorsi li fihom “elementi li jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali jew li jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali.” Wara aġġornament f’Awwissu, il-gwida tistipula wkoll li l-attivitajiet tal-istudenti ma’ organizzazzjonijiet esterni huma mistennija li “ma jinvolvu kontenut li jipperikola s-sigurtà nazzjonali, u li lanqas jippromwovu propaganda politika u valuri mhux xierqa”.

Taħt l-inizjattiva tal-kameras tas-sorveljanza “SmartView”, il-kameras tas-CCTV li diġà ġew installati fl-istazzjonijiet tal-MTR u fl-oqsma ta’ akkomodazzjoni pubblika ġew konnessi ma’ network ċentralizzat tal-pulizija.

Tqajmu mistoqsijiet dwar iż-żieda fit-tixrid tal-enfasi fuq is-sigurtà nazzjonali fil-qasam tan-negozju. F’Ġunju, id-Dipartiment tal-Iġjene tal-Ikel u l-Ambjent żied il-kundizzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali għal kważi 20 tip ta’ liċenzja u permess, inklużi ristoranti, fran, ħwienet tal-laħam, pixxini tal-ġhawm u ħwienet tal-massaġġi. Dawn il-permessi jistgħu jiġu revokati jekk id-detenturi jew l-impjegati u s-sottokuntratturi tagħhom jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe “imġiba offensiva”.

Attivisti li jirrisjedu barra mill-pajjiż komplew jiffaċċjaw fastidju. F’Diċembru, intbagħtu ittri lill-ġirien li kellha qabel fir-Renju Unit li allegatament kienu ġejjin minn Carmen Lau, attivista eżiljata, li kien fihom stampi ffalsifikati diġitalment li kienu juruha bħala ħaddiema tas-sess.

Fl-2025, l-aġenziji tal-media kkontrollati minn Beijing f’Hong Kong, Wen Wei Po u Ta Kung Pao eżerċitaw b’mod attiv pressjoni fuq diversi entitajiet billi akkużawhom b’“reżistenza ratba”: il-Komunità tar-Riċerka Liber, il-fiera tal-kotba indipendenti, u l-Istitut tal-Istudji tal-Asja u tal-Paċifiku fl-Università Ċiniża ta’ Hong Kong talli ħarġu sħarriġ dwar il-klassifikazzjoni tal-approvazzjoni tal-Kap Eżekuttiv.

L-isforzi biex jissaħħu s-sigurtà nazzjonali u l-edukazzjoni patrijottika komplew fl-2025. Fil-Jum tal-Edukazzjoni dwar is-Sigurtà Nazzjonali, li jiġi mfakkar fil-15 ta’ April, aktar minn 300 skola tal-kindergarten, primarja u sekondarja li jinvolvu kważi 160 000 student,

organizzaw ċerimonji tat-tluġ tal-bandiera nazzjonali. L-Uffiċċju tal-Edukazzjoni talab lill-kindergartens jagħmlu ċerimonji tat-tluġ tal-bandiera biex ifakkru il-ħames anniversarju tal-NSL imposta minn Beijing fit-30 ta' Ġunju u pprova lill-edukaturi b'diskorsi ssuġġeriti dwar l-importanza tas-sigurtà nazzjonali. Fl-1 ta' Lulju, it-tmien universitajiet kollha ffinanzjati pubblikament organizzaw ċerimonji tat-tluġ tal-bandiera biex ifakkru l-anniversarju tat-trasferiment.

L-Uffiċċju tal-Edukazzjoni ħareġ linja gwida ġdida li tagħorna l-kurrikulu tal-lingwa Ingliża tal-iskola primarja tiegħu fl-10 ta' Ġunju għall-ewwel darba fi 8 snin. Filwaqt li l-linja gwida preċedenti kienet enfasizzat li l-istudenti jkunu jistgħu "jesploraw kwistjonijiet mgħobbija bil-valur, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-opportunitajiet indaqs", il-"Gwida ġdida għall-Kurrikulu tal-Qasam Ewlieni tal-Apprendiment tal-Lingwa Ingliża għall-Ewwel Sena sas-Sitt Sena tal-Iskola Primarja" ffokat fuq "it-tisħiħ tal-edukazzjoni dwar il-valuri, li tkopri l-edukazzjoni nazzjonali, inklużi l-edukazzjoni patrijottika, l-edukazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali u l-edukazzjoni għall-ħajja".

Fit-3 ta' Ottubru, l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni ħabbar bidliet fil-kurrikuli tal-iskejjel sekondarji għall-istorja u għall-istorja Ċiniża. Pereżempju, l-istudenti jitgħallmu aktar dwar l-istabbiliment tal-Partit Komunista. L-Awtorità tal-Eżamijiet u l-Valutazzjoni ta' Hong Kong – inkarigata mill-amministrazzjoni tal-eżami tad-dħul fl-università lokali – irrimarkat li l-istudenti li għamlu t-test tal-istorja Ċiniża naqsu milli jsemmu l-impatt pożittiv tal-Qabża Kbira 'l Quddiem.

Fil-21 ta' Awwissu, infetħet l-ewwel Bażi tal-Edukazzjoni Patrijottika għall-istudenti ta' Hong Kong u tal-Macao f'Beijing. L-Università Politeknika ta' Hong Kong fetħet "Il-Baży tal-Edukazzjoni Patrijottika tal-Università Politeknika ta' Hong Kong (Xi'an)" fl-10 ta' Diċembru, b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Xi'an Jiaotong.

Punti ewlenin oħrajn dwar il-governanza

Fis-17 ta' Settembru, il-Kap Eżekuttiv John Lee ħabbar il-pjan ta' governanza annwali ta' qabel tal-aħħar tal-mandat kurrenti tiegħu ta' 5 snin, b'enfasi fuq l-iżvilupp ekonomiku. F'Ottubru, il-Gvern ippubblika fil-gazzetta l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Unitajiet Bażiċi ta' Akkomodazzjoni maħsub biex jelimina gradwalment l-appartamenti suddiviżi li ma jilhqax l-istandards meħtieġa.

Fis-26 ta' Novembru, it-traġedja tan-nar ta' Tai Po ħasdet il-ħajja ta' 168 persuna, inklużi residenti ta' Hong Kong, ħaddiema domestiċi barranin u pumpier wieħed. Il-belt fakkret it-telf tal-ħajjiet b'perjodu ta' luttu ta' tlett ijiem mid-29 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru. Il-Kelliem tal-UE u l-Kap tal-Uffiċċju tal-UE għal Hong Kong u l-Macao, rispettivament, ħarġu komunikazzjoni fuq il-media soċjali li tesprimi solidarjetà mal-persuni affettwati mit-traġedja¹³.

Is-Super Tifun Ragasa laqat lil Hong Kong fl-24 ta' Settembru, u wassal lill-Osservatorju ta' Hong Kong biex joħroġ is-Sinjal tal-Uragan Nru 10 hekk kif il-veloċitajiet medji tar-riħ qabżu l-118-il km fis-sieġha. Din il-maltempata kienet l-aktar ċiklun tropikali b'saħħtu fir-reġjun tal-Paċifiku tat-Tramuntana tal-Punent fl-2025. Bis-saħħa tal-professjonaliżmu tal-awtoritajiet

¹³ https://www.eas.europa.eu/delegations/hong-kong/tai-po-fire-eu-office-extends-condolences-and-solidarity_en?s=239?etrans=mt

lokali involuti u r-reżiljenza notevoli tal-popolazzjoni ta' Hong Kong, il-belt malajr reġgħet lura għan-normalità.

Relazzjonijiet esterni ta' Hong Kong

Fl-2025, ir-relazzjonijiet esterni ta' Hong Kong kienu kkaratterizzati minn sforzi biex jiġu ddiversifikati r-rabtiet kummerċjali u ekonomiċi ma' pajjiżi fix-Xlokk tal-Asja, fil-Lvant Nofsani u fi swieq emerġenti oħrajn. F'Mejju, il-Kap Eżekuttiv mexxa delegazzjoni fuq żjara ta' 6 ijiem fil-Qatar u fil-Kuwajt. Sadanittant, is-Segretarju Finanzjarju, Paul Chan, żar l-Arabja Sawdija f'Ottubru. Huwa kkanċella żjara fil-Ġappun skedata għal nofs Diċembru fost it-tensjonijiet dejjem jiżdiedu bejn Tokyo u Beijing.

Il-Gvern bagħat tim ta' salvataġġ lejn il-Myanmar wara terremot ta' 7.6 hemmhekk f'Marzu.

Fit-30 ta' Mejj, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Ċiniż, Wang Yi, attenda l-ċerimonja tal-iffirmar tal-Konvenzjoni dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Medjazzjoni. Il-Konvenzjoni kellha 38 firmatarju, inkluż iċ-Ċina, sa tmiem l-2025. Wang Yi spjega li l-istabiliment tal-korp ta' medjazzjoni kien biex jipprovdi "għażla għdida għall-komunità internazzjonali biex issolvi t-tilwim u tikseb rikonċiljazzjoni." L-organizzazzjoni nediet uffiċjalment l-operazzjonijiet fl-20 ta' Ottubru. Teresa Cheng, eks Segretarju għall-Ġustizzja f'Hong Kong, inħatret bħala s-Segretarju Ġenerali inawgurati.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Akkademja tal-Ombudsman Internazzjonali ta' Hong Kong saret fil-25 ta' Awwissu. L-Akkademja hija maħsuba biex trawwem l-iskambju u l-koooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li ttejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika lokali.

L-Assoċjazzjoni ta' Hong Kong għall-Ħbiberija Esterna taħt is-superviżjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Poplu Ċiniż għall-Ħbiberija ma' Pajjiżi Barranin organizzat iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tagħha fil-5 ta' Lulju.

L-emigrazzjoni minn Hong Kong kompliet. Minn Settembru 2025, l-Uffiċċju tal-Intern tar-Renju Unit ħabbar li kien irċieva aktar minn 230 000 applikazzjoni minn detenturi ta' passaporti Nazzjonali Brittaniċi (Barra l-Pajjiż) minn Hong Kong għall-iskema speċjali tal-viża li tista' twitti t-triq għaċ-ċittadinanza. Madwar 150 000 individwu waslu fir-Renju Unit taħt l-iskema. Il-Kanada u l-Awstralja komplew jirċievu applikazzjonijiet għal viża taħt skemi ta' immigrazzjoni personalizzati għar-residenti ta' Hong Kong.

Fl-10 ta' Lulju, il-President tal-Istati Uniti estenda l-istatus ta' "emerġenza nazzjonali" ta' Hong Kong, u kompla r-revoka ta' privileġġi kummerċjali speċjali li l-Istati Uniti kienu taw lil Hong Kong. L-istatus jipprojbixxi wkoll l-esportazzjoni ta' teknoloġija sensittiva lejn il-belt.

Fil-31 ta' Marzu, l-Istati Uniti ħabbru sanzjonijiet kontra sitt uffiċjali ta' Hong Kong u taċ-Ċina Kontinentali għal "repressjoni tranżnazzjonali" ta' attivisti tal-oppożizzjoni skont il-leġislazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali. Is-sitt uffiċjali huma: is-Segretarju għall-Ġustizzja, Paul Lam; il-Kummissarju tal-Pulizija, Raymond Siu (li rtira fl-1 ta' April); is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali f'Hong Kong, Sonny Au; id-Direttur tal-OSNS tal-Gvern Ċentrali, Dong Jingwei; u l-Assistenti Kummissarji tal-Pulizija (Sigurtà Nazzjonali) Dick Wong u Margaret Chiu. Din hija l-ħames darba li l-Istati Uniti imponew sanzjonijiet fuq l-uffiċjali ta' Hong Kong.

Fl-10 ta' April, il-legiżlatrici Brittanika, Wera Hobhouse ġiet miċħuda milli tidħol f'Hong Kong fuq vjaġġ personali. Hija allegatament kienet l-ewwel MP Brittanika li ġiet miċħuda milli tidħol mal-wasla tagħha f'Hong Kong mill-1997.

F'Awwissu, il-Ministru għall-Istat tar-Renju Unit għall-Affarijiet Interni kkonferma emendi legali biex jiġu pproċessati t-talbiet għal estradizzjoni ta' Hong Kong fuq bażi ta' każ b'każ.

Matul is-sena, attivisti li jirrisjedi fir-Renju Unit u eks leġiżlatur fl-Awstralja kkonfermaw li kienu rċevew status ta' ažił mill-pajjiżi ospitanti rispettivi tagħhom.

Drittijiet, libertajiet u opportunitajiet indaqs

Fl-2025, Hong Kong kompli jikseb punteġġi baxxi f'diversi klassifikazzjonijiet globali relatati mad-drittijiet. Skont rapport mill-NGO Freedom House, Hong Kong kien territorju "parzjalment ħieles" fl-2025, b'punteġġ ta' 40 minn 100. Skont l-Indiċi tad-Demokrazija 2024 imħejji mill-Economist Intelligence Unit u ppubblikat fi Frar 2025, Hong Kong ikklassifika fis-87 post minn fost 167 pajjiż jew territorju. L-indiċi reġa' kkategorizza lil Hong Kong bħala "reġim ibridu", b'punteġġ ġenerali ta' 5,09 minn 10.

Skont ir-rapport "**Cooperation with the United Nations, its representatives and mechanisms in the field of human rights**"¹⁴ maħruġ mis-Segretarju Ġenerali tan-NU u ppreżentat lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-17 ta' Settembru, żewġ membri tal-persunal tal-Kunsill tad-Demokrazija ta' Hong Kong ibbażat fl-Istati Uniti, Anna Kwok u Carmen Lau, "allegatament kienu soġġetti għal ritaljazzjonijiet għall-kooperazzjoni tal-passat u kontinwa tagħhom man-Nazzjonijiet Uniti, inkluż fil-kuntest tar-raba' ċiklu tar-rieżami perjodiku universali taċ-Ċina mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem". Ir-rapport irrefera wkoll għar-ritaljazzjonijiet fuq Chow Hang-tung u ż-żewġ membri tat-tim legali internazzjonali li jappoġġaw lil Jimmy Lai u lil ibnu Sebastien.

Fit-3 ta' Frar, il-gvernijiet Ċiniżi u ta' Hong Kong issottomettew ir-rapport regolari tagħhom lill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura, li oriġinarjament kellu jiġi sottomess fl-2019, b'dewmien ta' 6 snin.

Fit-8 ta' Settembru, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u tal-avukati u r-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni¹⁵ esprimew tħassib "serju" li l-avukat Kevin Yam, li issa jirrisjedi fl-Awstralja, tneħħa mir-Roll of Solicitors "mingħajr ma kien kiser ebda wieħed mill-istatuti tas-Soċjetà tal-Liġi jew il-Kodiċi ta' Kondotta".

Fid-9 ta' Diċembru, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Volker Türk, esprima tħassib dwar rapporti li l-SNSO kienet intużat biex "trażżan lin-nies li talbu li ssir investigazzjoni dwar in-nirien fatali [ta' Tai Po]"¹⁶.

Il-libertà tal-istampa baqgħet taħt pressjoni. Fl-Indiċi annwali tal-Libertà tal-Istampa tar-Reporters Mingħajr Fruntieri (RSF) ippubblikat f'Mejju, Hong Kong niżel ħames postijiet oħra għall-140 post. Il-belt, għall-ewwel darba, daħlet fiż-“żona l-ħamra” tal-indiċi – li tindika

¹⁴ <https://www.ohchr.org/en/documents/thematic-reports/ahrc6062-cooperation-united-nations-its-representatives-and-mechanisms>

¹⁵ <https://spcommreports.ohchr.org/TMResultsBase/DownloadPublicCommunicationFile?gId=30342>

¹⁶ <https://news.un.org/en/story/2025/12/1166548>

sitwazzjoni “serja ħafna”. It-tnaqqis ġie attribwit għall-kundanna tal-edituri ta’ Stand News taħt ir-reat ta’ “sedizzjoni” f’Settembru 2024.

Il-ġurnalisti internazzjonali ġew miċħuda d-dħul f’diversi okkażjonijiet. Ġew miċħuda applikazzjonijiet għall-viża tax-xogħol, inkluż għall-ġurnalista ta’ Bloomberg Rebecca Choong Wilkins.

L-awtoċensura kienet mifruxa ħafna: Fl-Istħarriġ dwar il-Libertà tal-Istampa tal-2024/25 imwettaq mill-Hong Kong Foreign Correspondents’ Club (FCC), ippubblikat f’April, 65 % tal-membri mistħarrġa żvelaw li huma ċċensuraw lilhom infushom, filwaqt li 33 % ikkunsidraw li jgħidqu mill-belt minħabba l-libertà tal-istampa. L-Indiċi tal-Libertà tal-Istampa, imħejji mill-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta’ Hong Kong u żvelat f’Ottubru, kien ta’ 28,9 punt fuq skala ta’ mitt punt, titjib minn 25 punt fis-sena ta’ qabel. L-Assoċjazzjoni sostniet li “l-irkupru tal-indiċi ma kienx jindika titjib sinifikanti, iżda pjuttost kien jirrifletti r-reżiljenza tal-ġurnalisti ta’ Hong Kong fix-xenarju kurrenti.”

Fl-2025, l-aġenziji tal-media u l-ġurnalisti indipendenti komplew jiffaċċjaw fastidju amministrattiv, inklużi investigazzjonijiet relatati mat-taxxa li jidhru li kienu politikament motivati. F’Mejju, l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta’ Hong Kong żvelat li mill-inqas sitt aġenziji tal-media indipendenti – inklużi Hong Kong Free Press (HKFP), Hong Kong Inmedia u The Witness – kienu qed jiffaċċjaw awditi tat-taxxa simultani u talbiet retroattivi mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Barra minn hekk, ġew affettwati 20 individwu relatati ma’ aġenziji tal-media indipendenti, inkluża l-president tal-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta’ Hong Kong li kienet għadha kif ġiet eletta mill-ġdid, Selina Cheng.

L-assoċjazzjonijiet tal-ġurnalisti ripetutament iffaċċjaw diffikultajiet biex jiggarrantixxu postijiet għal avvenimenti. Għalhekk, l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta’ Hong Kong kellha tikkanċella logħba futbol f’Jannar u l-pranzu gala annwali tagħha fi Frar, filwaqt li l-Assoċjazzjoni tal-Fotografi tal-Istampa ta’ Hong Kong ġiet imfixkla milli torganizza wirja f’Novembru li tfakkar il-35 anniversarju tagħha.

F’dan l-ambjent dejjem aktar diffiċli, l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta’ Hong Kong organizzat elezzjoni f’Ġunju biex tagħżel Kumitat Eżekuttiv ġdid mingħajr ma ħarġet pubblikament l-ismijiet tal-membri l-ġodda eletti.

F’Settembru, il-Kunsill Leġiżlattiv għadda l-Abbozz ta’ Liġi tal-2025 dwar ir-Reġistrazzjoni tat-Titoli u l-Art (Emendi Mixxellanti) li ma baqax jippermetti lill-ġurnalisti jaċċessaw ir-rekords uffiċjali tal-art, u b’hekk irrestrinġa l-kamp ta’ applikazzjoni għall-ġurnaliżmu investigattiv.

Ir-reporter li kienet qed tkopri l-politika barranija u ta’ difiża Ċiniża għas-South China Morning Post, Minnie Chan, li ilha miżmuma f’detenzjoni minn Ottubru 2023, allegatament kienet għadha miżmuma f’detenzjoni fiċ-Ċina Kontinentali sa tmiem l-2025.

Radio Free Asia waqqfet l-operazzjonijiet tagħha ta’ kontenut bil-lingwa Kantoniza mill-1 ta’ Lulju, wara t-terminazzjoni tal-finanzjament mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-media Globali. Stabbilita fl-1996, l-aġenzija tal-aħbarijiet privata u mingħajr skop ta’ qligħ spiss ipproduċiet kontenut li ġie kkritikat mill-Gvern ta’ Hong Kong.

L-2025 rat ukoll lill-ġudikatura ta' Hong Kong tinforza l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni. Fis-7 ta' Awwissu, il-Qorti tal-Appell Finali ċaħdet l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Komunikazzjoni biex taqleb deċiżjoni preċedenti li satira politika mxandra mix-xandar iffinanzjat mill-gvern Radio Television Hong Kong (RTHK) ma kinitx tikkostitwixxi ksur tal-kodiċi tagħha. Dan kien favur l-Union tal-Persunal tal-Programm tal-RTHK u l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta' Hong Kong li ressqu l-kontestazzjoni inizjali 5 snin ilu kontra twissija mill-korp ta' sorveljanza fuq il-programm satiriku ta' ġrajjiet kurrenti.

Kien hemm ukoll aktar pressjoni fuq il-libertà tal-espressjoni u l-ispazju għal opinjonijiet pluralistiċi fl-2025. Wara n-nar ta' Tai Po, li ħasad il-ħajja ta' 168 persuna, il-pulizija tas-sigurtà nazzjonali arrestat lill-istudent Miles Kwan u lill-eks Kunsillier Distrettwali Cheung Kam-hung fuq akkużi ta' sedizzjoni. Kwan kien talab investigazzjoni indipendenti dwar in-nar, filwaqt li Kam-hung kien involontarja fuq il-post biex jorganizza provvisti mogħtija b'donazzjoni għall-individwi affettwati min-nar.

Fi Frar 2025, l-istitut ta' sħarriġ indipendenti Public Opinion Research Institute (PORI) ta' Hong Kong waqqaf l-attivitajiet ta' sħarriġ tal-opinjoni politika tiegħu taħt pressjoni kbira. Il-President tiegħu Robert Chung ittieħed darbtejn mill-pulizija tas-sigurtà nazzjonali biex jassisti f'investigazzjoni dwar l-ġħajnuna mogħtija lil wieħed mill-“maħrubin” – Chung Kim-waħ, eks Viċi Direttur Eżekuttiv fl-Istitut li mar jgħix fir-Renju Unit fl-2022. Chung inħeles aktar tard.

L-Istitut tal-Istudji tal-Asja u tal-Paċifiku ta' Hong Kong fl-Università Ċiniża ta' Hong Kong ma ppubblika l-ebda riżultat ta' sħarriġ minn Ġunju, u l-ebda klassifikazzjoni ta' approvazzjoni tal-Gvern ta' Hong Kong u tal-Kap Eżekuttiv.

Il-pressjoni politika kompliet ukoll taffettwa l-attivitajiet kulturali. Il-prattika li jiġu kkanċellati wirjiet ta' films magħżula u spetakli kulturali meqjusa kritiċi kompliet ukoll fl-2025. Il-Festival tal-Films Franċiżi ta' Hong Kong ikkanċella żewġ films mill-programm tiegħu, inkluż “Case 137” li jenfasizza l-mod kif il-pulizija Franċiża mmaniġġat il-protesti. F'Novembru, il-produttur tal-films lokali Kiwi Chow ilmenta li kien ilu jistenna 4 xhur biex jiġi infurmat li l-aħħar drama tiegħu “Deadline” ma setgħetx tikseb l-approvazzjoni biex tintwera f'Hong Kong; il-proċess normalment jieħu madwar 14-il jum.

B'konsultazzjoni mal-Uffiċċju għall-Kultura, l-Isport u t-Turiżmu, l-Awtorità tad-Distrett Kulturali ta' West Kowloon ikkanċellat it-tluġ mill-ġdid tad-dramm “We Are Gay”, miktub mid-drammaturga rebbieħa ta' diversi premjijiet, Candace Chong, fit-18 ta' Ottubru, ftit qabel ma kellu jibda l-bejgħ tal-biljetti. L-Awtorità spjegat li kienet irċeviet ilmenti li x-xogħol – iffokat fuq relazzjoni romantika omosesswali – “jippromwovi l-konfrontazzjoni” u “jimmalafama lil Hong Kong”.

Fit-30 ta' Mejju, il-kantant u kittieb tal-kanzunetti Sunny Lam, magħruf li jikteb mill-ġdid il-lirika tal-kanzunetti biex jagħmel satira tal-ġrajjiet kurrenti, ħabbar il-kanċellazzjoni taż-żewġ kunċerti tiegħu skedati għall-1 u għat-2 ta' Ġunju fid-Distrett Kulturali ta' West Kowloon, fejn ikkwota “evalwazzjoni bir-reqqa”.

Kompliet il-kritika uffiċjali ta' “reżistenza ratba” għall-attivitajiet kulturali, pereżempju, ta' fiera tal-kotba indipendenti organizzata f'Lulju.

Madankollu, l-aċċess għall-informazzjoni u għal-libertà tal-espressjoni f'Hong Kong baqgħu konsiderevolment aktar liberi milli fiċ-Ċina Kontinentali. L-aċċess għall-internet,

li fil-biċċa l-kbira baqa' miftuħ, kompli jippermetti lir-residenti ta' Hong Kong jaċċessaw media online indipendenti. L-awtorità kompetenti tal-Gvern tat lill-Foreign Correspondents' Club tiġdid tal-lokazzjoni tiegħu fis-sit kurrenti sal-aħħar tas-sena għal 3 snin oħra.

Il-libertà tar-reliġjon baqgħet fil-biċċa l-kbira intatta f'Hong Kong. Madankollu, l-isparju għall-gruppi jew għall-mexxejja reliġjużi biex jesprimu fehmiet dissidenti baqa' ristrett b'mod qawwi. Għar-raba' sena konsekuttiva, id-Djoċesi Kattolika ta' Hong Kong ma għamlitx quddisiet pubbliċi biex tfakkar ir-repressjoni tal-Pjazza Tiananmen.

F'April, il-qorti lokali tat permess lill-Kardinal Kattoliku ta' 93 sena, Joseph Zen Ze-kium – li ilu jinżamm fuq ħelsien mill-arrest taħt garanzija minn mindu ġie arrestat fl-2022 fuq akkużi ta' kollużjoni barranija, bil-passaport tiegħu kkonfiskat mill-pulizija tas-sigurtà nazzjonali – biex jivvjaġġa lejn il-Vatikan biex jattendi għall-funeral tal-Papa Franġisku. Huwa allegatament kien ipprobit milli jagħti intervisti lill-media matul il-vjaġġ tiegħu.

Ma hemm l-ebda sinjal ta' rkupru tal-libertà ta' għaqda għal protesti paċifiċi. Il-velja bix-xemgħat fuq skala kbira li qabel kienet issir f'Victoria Park l-4 ta' Ġunju biex tfakkar ir-repressjoni ta' Tiananmen tal-1989, oriġinarjament organizzata mill-grupp tas-soċjetà ċivili Hong Kong Alliance b'Appoġġ għall-Movimenti Demokratiċi Patrijottiċi, ma saritx għas-sitt sena konsekuttiva. L-Uffiċċju tal-UE reġa' poġġa xemgħat fit-twieqi tal-uffiċini tiegħu dakinhar bħala sinjal ta' tifikira.

Fl-4 ta' Ġunju, il-pulizija arrestat żewġ persuni qrib Victoria Park u ħadet magħha għaxra oħra. It-tnejn ġew arrestati talli naqsu milli jipproduċu dokument tal-identità u fuq suspett li fixklu lill-uffiċjali tal-pulizija, rispettivament.

B'rabta mal-kommemorazzjoni, is-sid tal-karozza bil-panċa tan-numri "US 8964" – sett ta' numri assoċjati mad-data tar-repressjoni ta' Tiananmen tal-1989 – iddeċieda li jiċċaqilaq lejn ir-Renju Unit hekk kif il-familja tiegħu sofriet fastidju fuq il-post tax-xogħol u fl-iskola. Is-sid sab ukoll li l-kont tiegħu fid-Dipartiment tat-Trasport ġie "imblukkat", li jfisser li kwalunkwe tranżazzjoni relatata mal-panċa tan-numri u l-karozzi tiegħu kellha tirċievi approvazzjoni mill-Pulizija.

Iż-żoni tad-dimostrazzjonijiet tradizzjonali maġenb il-bini tal-Kunsill Leġiżlattiv għadhom magħluqin. Madankollu, kien hemm dimostrazzjonijiet żgħar, taħt skrutinju qawwi tal-pulizija, fit-tielet anniversarju tal-invażjoni Russa fuq skala sħiħa tal-Ukrajna. Il-pulizija pajżana vverifikaw l-IDs tal-parteċipanti u tal-ġurnalisti fuq il-post. Kien hemm ukoll diversi każijiet ta' individwi li pprotestaw b'appoġġ għall-Palestina quddiem il-Konsulat tal-Istati Uniti mingħajr interferenza mill-awtoritajiet.

L-awtoritajiet komplew jiskoraġġixxu d-dimostrazzjonijiet biex ifakkru Jum il-Ħaddiem fl-1 ta' Mejju, u estendew ukoll il-persjoni għal gruppi favur l-istabbiliment, bħall-Federazzjoni tat-Trade Unions u l-Federazzjoni tat-Trade Unions tal-Ħaddiema ta' Hong Kong u Kowloon, li kienu jfakkru Jum il-Ħaddiem fl-1 ta' Mejju qabel l-2020. F'April 2025, il-pulizija allegatament esprimiet tħassib dwar iż-żamma tal-ordni waqt protesta potenzjali, u dan wassal biex it-trade union tikkanċella l-avveniment.

Fi Frar, it-Tele-call Taxi Association ta' Hong Kong ikkanċellat strajk ippjanat ta' 5 ijiem wara li l-Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong wissa li tali azzjoni tista' tagħmel ħsara lill-"interessi tan-nies". L-union kienet talbet repressjoni fuq is-servizzi mhux liċenzjati ta' ride-hailing.

Fl-istess ħin, l-awtoritajiet komplew jipprovdu biżżejjed spazju għal protesti organizzati minn gruppi favur l-istabbiliment li jikkritikaw lill-UE kif ukoll lil pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod. Fl-2025, kien hemm erba' dimostrazzjonijiet bħal dawn quddiem il-bini tal-Uffiċċju tal-UE b'reazzjoni għad-dikjarazzjonijiet tal-UE relatati mad-drittijiet tal-bniedem.

Il-libertà ta' assoċjazzjoni kompliet tkun taħt pressjoni qawwija fl-2025. Diversi gruppi prominenti tas-soċjetà ċivili ġew xolti. Fit-28 ta' Frar, l-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ Hong Kong Unison, li kienet iffokat fuq id-drittijiet ta' minoranzi etniċi, iddeċidiet li xxolji wara 24 sena ta' operat. Fit-12 ta' Ġunju, iċ-China Labour Bulletin ibbażata f'Hong Kong, li kienet ġiet stabbilita mill-attivisti tal-ħaddiema, Han Dongfang, fl-1994, ħabbret id-deċiżjoni tagħha li xxolji, fejn semmiet li kellha diffikultajiet bil-finanzi u bid-dejn. Il-grupp kien appoġġa l-movimenti tal-ħaddiema fiċ-Ċina Kontinentali minn Hong Kong. Fit-30 ta' Ġunju, ir-Riders' Rights Concern Group, li ġie stabbilit fl-2021 u li kien jiffoka fuq id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kunsinna, ħabbar li kien se jieqaf jopera b'mod immedjat.

Fl-1 ta' Awwissu, is-Soċjetà għall-Protezzjoni tal-Port, grupp ta' konservazzjoni prominenti li kien ilu jopera 29 sena u li mexxa kampanja b'suċċess għall-protezzjoni legali tal-Port ta' Victoria fl-1997, ħabbar ix-xoljiment tiegħu, fejn semma bidliet leġiżlattivi reċenti li ffaċilitaw ir-reklamazzjoni tal-art li dgħajfu l-missjoni tiegħu. Filwaqt li l-grupp kellu appoġġ mill-eks Kapijiet Eżekuttivi tal-belt Tung Chee-hwa u Carrie Lam, Ta Kung Pao appoġġat minn Beijing akkuża lill-grupp b'"reżistenza ratba."

Fit-22 ta' Awwissu, il-Gvern ippubblika avviżi fil-gazzetta biex ineħħi kważi 300 grupp mir-reġistru tas-soċjetajiet, fejn sostna li l-organizzazzjonijiet kienu meqjusa li "waqfu jeżistu." Fost il-gruppi kien hemm sitt gruppi favur id-demokrazija li issa ma għadhomx jeżistu, inkluż il-grupp Scholarism – li ġie stabbilit mill-attivisti li jinsab il-ħabs, Joshua Wong, u l-grupp politiku favur id-demokrazija, People Power.

Matul is-sena li għaddiet, diversi gruppi tas-soċjetà ċivili ffaċċjaw kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta tal-postijiet. Pereżempju, jum qabel il-forum dwar l-ekoturiżmu fit-22 ta' Ġunju, l-Università Ċiniża ta' Hong Kong infurmat lil Greenpeace li l-post tagħha kien jeħtieġ tiswijiet, u dan ġie għel l-avveniment imur online.

Dan l-iżvilupp estenda wkoll għall-membri tal-Korp Konsulari. F'intervista ppubblikata f'Lulju, il-Konslu Ġenerali preċedenti tal-Istati Uniti, Gregory May, żvela li l-missjoni diplomatika ffaċċjat diffikultà "dejjem akbar" biex issib postijiet, bl-ospiti jirtiraw fl-aħħar minuta f'diversi okkażjonijiet u xi wħud semmew il-pressjoni mill-awtoritajiet.

Fil-15 ta' April, Amnesty International ħabbret it-tnedija ta' taqsima ġdida ta' Hong Kong ibbażata barra mill-pajjiż wara l-għeluq tal-uffiċċji tagħha fil-belt fl-2021. L-Uffiċċju huwa mmexxi minn attivisti ta' Hong Kong li joperaw mill-Awstralja, mill-Kanada, mit-Tajwan, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti.

Il-libertà akkademika għadha taħt pressjoni, bl-awtoċensura mifruxa ħafna, b'mod partikolari fl-istudji umanitarji u fix-xjenzi soċjali. Fl-2025, it-tmien universitajiet iffinanzjati mill-pubbliku kellhom jiffirmaw ftehim ġdid ta' responsabbiltà, li jinkludi klawżoli li jeħtieġu li l-universitajiet isegwu l-"pariri u l-gwida" tal-Gvern Ċentrali u jallinjaw ruħhom mar-rimarki tal-mexxej Ċiniż Xi Jinping.

L-Istitut tal-Istudji tal-Asja-Paċifiku ta' Hong Kong fl-Università Ċiniża ta' Hong Kong waqqaf il-kuntratti tiegħu ma' żewġ Riċerkaturi Anzjani Onorarji – l-eks diplomatiku tal-Istati Uniti, Morton Holbrook u l-akkademiku Tajwaniż, Hsin-Huang Hsiao – fil-kuntest tal-kritika minn Ta Kung Pao kkontrollata minn Beijing maħruġa fit-30 ta' Lulju.

F'Awwissu, l-Università ta' Hong Kong u l-Università tax-Xjenza u t-Teknoloġija ta' Hong Kong ingħaqdu mal-Università ta' Tsinghua biex jospitaw flimkien konferenza ta' "Perspettivi Komparattivi Globali dwar Xinjiang".

L-akkademiċi kollha mill-istituzzjonijiet akkademiċi bbażati f'Hong Kong irtiraw il-parteċipazzjoni tagħhom fit-"Tielet Konferenza Internazzjonali dwar l-Istudji Globali ta' Hong Kong: Reżiljenza u Trasformazzjoni" organizzata mill-Istitut tas-Soċjoloġija fl-Academia Sinica fit-Tajwan fil-bidu ta' Diċembru – allegatament minħabba pressjoni politika.

Madankollu, is-settur tal-edukazzjoni għolja f'Hong Kong irċieva rikonoxximent pożittiv mit-tabelli tal-klassifika fis-sena li għaddiet. Fil-QS World University Rankings 2026 ippublikati f'Ġunju, ħames universitajiet f'Hong Kong kienu fost l-aqwa 100 tad-dinja. Istituzzjoni waħda telgħet sitt postijiet għall-11-il post globalment, l-aqwa prestazzjoni tagħha. Fit-Times Higher Education World University Rankings tal-2026, li ġew ippublikati f'Ottubru, sitt istituzzjonijiet ta' Hong Kong ikklassifikaw fost l-aqwa 200 università tad-dinja, rekord għall-belt.

L-2025 rat stampa mħallta dwar id-drittijiet tal-LGBTIQ+. Fl-10 ta' Settembru, il-Kunsill Leġiżlattiv ivvota kontra l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Sħubijiet bejn Persuni tal-Istess Sess li kien jistabbilixxi qafas alternattiv li jirrikonoxxi s-sħubijiet omosesswali f'konformità ma' deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell Finali minn Settembru 2023. 71 minn 87 leġiżlatur ivvotaw kontra l-abbozz ta' leġiżlazzjoni, b'14 jivvotaw favur u wieħed jastjeni. Dan kien l-ewwel u l-uniku abbozz ta' liġi propost mill-gvern li l-votazzjoni għalih ma għaddietx mil-leġiżlatura ta' dak iż-żmien matul il-mandat tagħha ta' 4 snin.

Skont l-abbozz ta' liġi propost, koppji tal-istess sess l-ewwel kellhom jirreġistraw ir-relazzjonijiet tagħhom barra minn Hong Kong. Il-mekkaniżmu mbagħad kien jagħti lill-koppji għadd limitat ta' drittijiet relatati ma' kwistjonijiet mediċi u ta' wara l-mewt. Id-dokument iddikjara espressament li l-qafas ma jkunx ekwivalenti għaż-żwieġ.

Madankollu, l-abbozz ta' liġi ffaċċja kritika kemm mill-partiti politiċi ewlenin tal-belt kif ukoll mill-komunità LGBTIQ+. Għal gruppi konservattivi, il-qafas fil-fatt kien jirrikonoxxi r-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess bħala żwigiġiet, filwaqt li għal xi membri mill-komunità LGBTIQ+, il-qafas naqas milli jipprovd i protezzjoni suffiċjenti tad-drittijiet tagħhom. Il-Kumitat tal-Abbozzi ta' Liġi li eżamina l-leġiżlazzjoni proposta kien stieden lill-pubbliku biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu. Waslu aktar minn 10 000 sottomissjoni. Skont l-awtoritajiet, 19 % biss kienu jappoġġaw l-abbozz ta' liġi.

Wara l-veto tal-abbozz ta' liġi mill-Kunsill Leġiżlattiv, il-Kap Eżekuttiv wiegħed fis-16 ta' Settembru li jħabbar miżuri amministrattivi bħala rimedju biex jissodisfa r-rekwiżit konstituzzjonali qabel l-iskadenza tas-17 ta' Ottubru, kif awtorizzat mill-Qorti tal-Appell Finali. Sal-aħħar tas-sena, ma kien ħareġ l-ebda dettall dwar il-miżuri mħabbra. L-akkademiċi legali ħarġu twissijiet dwar id-dannu lill-istat tad-dritt f'Hong Kong fil-każ ta' tweġiba insuffiċjenti għall-obbligu legali impost mill-Qorti tal-Appell Finali.

Filwaqt li kien hemm talbiet sabiex il-Kumitat Permanenti tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu jiġi mistieden jinterpreta l-Liġi Bażika dwar il-kwistjoni, u b'hekk ibiddel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Finali, l-awtoritajiet eżerċitaw trażżin. L-Uffiċċju għall-Affarijiet ta' Hong Kong u tal-Macao taħt il-Kunsill tal-Istat ippubblika biss artiklu ta' opinjoni wara l-veto, fejn sostna li l-vot kien allinjat mar-realtà soċjali ta' Hong Kong u kien jirrifletti l-valuri prevalenti fis-soċjetà. L-artikolu nnota wkoll li l-amministrazzjoni, il-leġiżlatura u l-ġudikatura kienu ttrattaw il-kwistjoni f'konformità mal-liġi.

Aktar kmieni matul is-sena, il-Kunsill Leġiżlattiv kien diġà għadda mozzjoni mhux vinkolanti dwar "iż-żamma tas-sistema taż-żwieġ monogamu u eterosesswali f'Hong Kong". 69 ivvotaw favur il-mozzjoni, 0 kontra u 10 astjenew.

Sadanittant, il-gruppi LGBTIQ+ iffaċċjaw diffikultajiet dejjem akbar biex jorganizzaw l-avvenimenti. L-organizzaturi ta' Pink Dot, avveniment korporattiv fuq skala kbira li jappoġġa d-drittijiet tal-LGBTIQ+ skedat għat-12 ta' Ottubru żvelaw fil-31 ta' Lulju li s-sieħeb tal-post oriġinali għall-avveniment kien irrifjuta li jikri l-ispazju tiegħu mingħajr spjegazzjoni ulterjuri. L-avveniment finalment seħħ fil-forma ta' kunċert online. L-avveniment fil-beraħ tal-Festival tal-Qawsalla, organizzat mill-Kumitat tal-Pride ta' Hong Kong, ma setax iseħħ f'post fil-beraħ kif kien skedat qabel fid-29 ta' Novembru minħabba li l-post ma baqax disponibbli minħabba "xogħol ta' kostruzzjoni".

Madankollu, avvenimenti oħrajn tal-komunità setgħu jibqgħu għaddejjin. Fis-17 ta' Mejju, grupp ta' NGOs lokali taħt it-tmexxija ta' Gay Harmony organizza b'suċċess fiera fi triq pubblika b'appoġġ għall-abbozz ta' liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' sħubijiet bejn persuni tal-istess sess fil-kuntest ta' IDAHOBIT. L-avveniment annwali Pride Bazaar, organizzat mill-NGO Gay Harmony, irritorna għall-ħames darba u sar bejn l-14 u l-15 ta' Ġunju f'post mhux pubbliku.

Il-ġudikatura ta' Hong Kong kompliet tippromwovi d-drittijiet tal-LGBTIQ+. Fit-23 ta' Lulju, il-Qorti Suprema kkonfermat l-affermazzjoni ta' litigant anonimu li l-Gvern kien kiser id-dmir kostituzzjonali tiegħu li jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali tar-residenti billi kkriminalizza l-użu ħażin tat-tojlits pubbliċi għad-detriment tal-komunità transġenera. Il-Gvern kien ressaq appell għas-sentenza.

Separatament, fid-9 ta' Settembru, il-Qorti Suprema ddeċidiet favur koppja leżbjana li kienet qed tfittex li tinkludi l-isem tas-sieħba tal-omm bijoloġika fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom. Il-koppja, persuna minn Hong Kong u oħra mill-Afrika t'Isfel, kienet iżżewġet barra mill-pajjiż fl-2019, bil-wild tnissel permezz ta' fertilizzazzjoni *in vitro*.

Fir-rigward ta' dawk li jfittxu l-ażil, il-Gvern saħħaħ il-kapaċità ta' mmaniġġar tiegħu. Fi Frar, il-ġudikatura ħatret l-ewwel Viċi Mhallel fil-Qorti tal-Prim'Istanza biex jittratta esklussivament kawżi relatati ma' talbiet ta' non-refoulement.

Il-ħaddiema domestiċi barranin f'Hong Kong għadhom grupp vulnerabbli. F'Ġunju, il-Qorti tal-Appell Finali ċaħdet rieżami ġudizzjarju ta' assistenta domestika barranija li sostniet li l-pulizija kienet naqset milli tinvestiga l-ilment tagħha kontra min iħaddimha minħabba n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika kontra x-xogħol furzat.

Id-drittijiet tal-priġunieri komplew ikunu ta' tħassib. Ir-Regoli tal-Ħabs (Emenda) tal-2025 daħlu fis-seħħ fit-18 ta' Lulju, u dawn irrestrinġew id-drittijiet taż-żjarat. Id-Dipartiment tas-

Servizzi Korrettivi issa jista' jirrestrinġi jew saħansitra jipprojbixxi persuna – inklużi avukati u mexxejja reliġjużi – milli żżur prigionier għal ċerti raġunijiet, inkluża s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali. Skont ir-regoli preċedenti, l-avukati ma ffaċċjaw l-ebda restrizzjoni u l-kappillani setgħu jżuru l-prigionieri “f’kull ħin raġonevoli”.

Matul is-sena, gruppi barra minn Hong Kong u qrafa ta' persuni miżmuma taħt kustodja komplew jesprimu tħassib dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabs, inkluż l-użu ta' reklużjoni u l-allegata ċaħda tal-aċċess għal ritwali reliġjużi. Chow Hang-tung, l-attivista favur id-demokrazija u membru tal-Alleanza ta' Hong Kong li nżammet f'detenzjoni, kellha ripetutament tiffaċċja reklużjoni fl-2025.

Skont ir-Rieżami Annwali tal-2024 ippubblikat mid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi fi Frar 2025, l-għadd medju ta' kuljum ta' arresti preventivi laħaq 3 650, żieda annwali ta' 18 % u laħaq rekord ġdid mis-sena 2000. Sa tmien l-2024, kien hemm 591 persuna miżmuma taħt kustodja minħabba involviment f'reati relatati mal-protesti tal-2019 u l-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 24 % sena wara sena.

II. Żviluppi ekonomiċi

Hong Kong jeżerċita awtorità indipendenti fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali u jistabbilixxi l-politika monetarja b'mod awtonomu miċ-Ċina Kontinentali. Fl-2025 Hong Kong baqa' għuridizzjoni legali separata miċ-Ċina Kontinentali dwar kwistjonijiet ta' politika ekonomika. Huwa żamm munita separata mhux limitata minn limitazzjonijiet kapitali, kif ukoll strutturi regolatorji separati biex jissorvelja l-kumpaniji li joperaw fit-territorju.

Fl-2024, Hong Kong ġie kklassifikat bħala **t-tielet l-akbar destinazzjoni fid-dinja għall-IDB** skont ir-Rapport tal-2025 dwar l-Investment Dinji maħruġ mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp¹⁷. Barra minn hekk, Hong Kong huwa wieħed mill-akbar **ekonomiji kummerċjali fid-dinja** (li kklassifika fis-seba' post fl-2024)¹⁸, bl-esportazzjonijiet tiegħu jikkonsistu l-aktar f'esportazzjonijiet mill-ġdid.

L-ekonomija ta' Hong Kong hija **ddominata mis-servizzi** (li jammontaw għal 94 % tal-PDG), inklużi s-servizzi finanzjarji u l-loġistika, filwaqt li l-manifattura tammonta biss għal frazzjoni tal-PDG (1 %).

L-ekonomija ta' Hong Kong kibret għat-tielet sena konsekuttiva fl-2025, b'żieda ta' 3,5 % fil-PDG sena wara sena¹⁹, wara żieda ta' 2,5 % fl-2024. It-tkabbir ekonomiku kien appoġġat minn prestazzjonijiet b'saħħithom fl-industrija tas-servizzi finanzjarji kif ukoll fil-kummerċ u l-loġistika, filwaqt li l-industriji relatati mal-kostruzzjoni, il-proprjetà immobbli u t-turiżmu komplew jiffaċċjaw sfidi.

L-inflazzjoni baqgħet moderata fl-2025, b'żieda annwali ta' 1,4 % fl-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur matul is-sena. **Ir-rata tal-qgħad** kienet ta' 3,6 % minn Diċembru 2025, żieda minn 3,0 % f'Diċembru 2024.

¹⁷ Sit web tal-UNCTAD:

<https://unctad.org/topic/investment/world-investment-report>

¹⁸ Id-Dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-RAS ta' Hong Kong

https://www.censtatd.gov.hk/en/web_table.html?id=410-51041

¹⁹ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.censtatd.gov.hk/en/press_release_detail.html?id=5724.

Is-settur tal-kummerċ u l-loġistika kompli jikber matul is-sena. Il-valur tal-kummerċ estern ta' Hong Kong fil-merkanzija żdied bi 15,5 % għal HKD 10,93 triljun (EUR 1,2 triljun)²⁰ fis-sena (wara żieda ta' 7,3 % fl-2024). Il-pożizzjoni ta' Hong Kong bħala ċentru tal-kummerċ għall-merkanzija hija fil-biċċa l-kbira appoġġata mir-rwol tiegħu bħala ċentru ta' tranżitu u ta' riesportazzjoni.

L-industrija finanzjarja kienet appoġġata minn żieda qawwija fl-offerti pubbliċi inizjali (IPOs). Fl-2025 kien hemm 119-il IPO f'Hong Kong (żieda minn 71 fl-2024) u l-ammont totali miġbur permezz tal-IPOs żdied b'226,8 % sena wara sena għal HKD 285,8 biljun (EUR 31,7 biljun). Hong Kong kien l-akbar ċentru tad-dinja għall-IPOs skont il-valur fl-2025. Matul is-sena, l-**Indiċi Hang Seng ta' Hong Kong** irkupra b'29,7 %, filwaqt li l-**kapitalizzazzjoni tas-suq** fuq il-Borża ta' Hong Kong żdiedet b'34,2 % għal HKD 47,4 triljun (EUR 5,3 triljun). Il-fatturat medju ta' kuljum tas-suq żdied b'89,5 % sena wara sena għal HKD 249,8 biljun (EUR 27,7 biljun). Sal-aħħar ta' Ottubru 2025, Hong Kong kien is-sitt l-akbar suq tal-istokks fid-dinja u t-tielet l-akbar suq tal-istokks tal-Asja skont il-kapitalizzazzjoni tas-suq u l-akbar ċentru kummerċjali offshore tar-renminbi fid-dinja.

It-turiżmu u l-industrija relatati esposti għall-infiq turistiku għad iridu jirkupraw għal-livell tagħhom tal-2018, li kienet l-aħħar sena "normali" għall-flussi tat-turiżmu lejn Hong Kong qabel il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Hong Kong laqa' 49,9 miljun viżitatur fl-2025, żieda ta' 12,1 % sena wara sena, iżda dan kien biss 76,6 % tan-numru ta' viżitaturi fl-2018. Il-viżitaturi miċ-Ċina Kontinentali ammontaw għal 75,8 % tat-total, jew 37,8 miljun. Il-viżitaturi f'Hong Kong nefqu wkoll inqas *per capita* matul is-sena u b'riżultat ta' dan, l-infiq totali tat-turiżmu matul l-ewwel 9 xhur tal-2025 (l-aħħar perjodu li għalih hija disponibbli d-data) żdied b'5,8 % sena wara sena (meta mqabbel ma' żieda ta' 12,1 % fil-wasliet). Il-valur tal-**bejgħ bl-imnut** (li huwa espost għall-infiq tat-turiżmu) kiber b'mod moderat biss, b'1,0 % sena wara sena għal HKD 380 biljun (EUR 42,2 biljun) matul is-sena u dan kien biss 78 % tal-livell tagħhom fl-2018. Il-prestazzjoni dgħajfa fil-bejgħ bl-imnut ġiet aggravata wkoll mir-residenti ta' Hong Kong li vvjaġġaw lejn il-belt ġara ta' Shenzhen għax-xiri u d-divertiment.

L-avjazzjoni u l-industrija relatati komplew jirkupraw fl-2025, iżda l-għadd ta' titjiriet u passiġġieri fl-Ajruport Internazzjonali ta' Hong Kong baqa' taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. Fl-2025, l-għadd ta' titjiriet lejn u minn Hong Kong żdied bi 8,7 % għal 394 732 u l-passiġġieri bi 15,0 % għal 60,8 miljun, iżda xorta kienu rispettivament 6,0 % u 14,6 % inqas milli fl-2019. Il-merkanzija bl-ajru żdiedet bi 2,8 % sena wara sena għal 5,0 miljun tunnellata fl-2025 (ukoll 7,1 % aktar milli fl-2019). Hong Kong żamm il-pożizzjoni tiegħu bħala l-aktar ċentru tal-merkanzija bl-ajru traffikuż fid-dinja matul is-sena. Bit-tielet runway li issa qed topera, Hong Kong għandu kapacià għal 120 miljun passiġġier u għal 10 miljun tunnellata ta' merkanzija.

Is-sistema tar-rata tal-kambju relatata tar-RAS baqgħet fis-seħħ matul is-sena, f'medda ta' HKD 7,75-7,85 għal dollaru Amerikan wieħed. L-assi ta' riżerva ta' munita barranija kienu fil-biċċa l-kbira stabbli, u għalqu l-2025 fil-livell ta' USD 427,9 biljun, żieda żgħira minn USD 421,5 biljun fi tmiem l-2024.

Il-baġit ippreżentat fi Frar 2025 bassar defiċit konsolidat għas-sena finanzjarja 2025-2026 (li tintemm fil-31 ta' Marzu 2026) ta' HKD 163 biljun (EUR 18,1 biljun), minbarra r-rikavati mill-ħruġ ta' bonds tal-gvern. Is-sitwazzjoni fiskali tjiebet matul is-sena. L-analisti bassru li l-kont

²⁰ Maqlubin għal EUR b'EUR 1 = HKD 9,01 (mill-aħħar ta' Diċembru 2025)

https://commission.europa.eu/funding-tenders/procedures-guidelines-tenders/information-contractors-and-beneficiaries/exchange-rate-infoeuro_mt

operattiv tal-baġit tal-Gvern se jinbidel f'surplus fi tmiem is-sena finanzjarja li tintemm f'Marzu 2026, filwaqt li l-kont konsolidat (kont operattiv + kont kapitali) se jkompli jirreġistra defiċit (is-sitt defiċit ta' Hong Kong f'7 snin). Id-defiċits ġew iffinanzjati billi nħarġu bonds tal-gvern u billi ntużaw ir-riżervi fiskali ta' Hong Kong. Sa Diċembru 2025, id-dejn tal-gvern ammonta għal madwar 12,4 % tal-PDG, żieda minn prattikament l-ebda dejn fl-2019.

Ambjent tan-negozju

Il-perċezzjoni tal-ambjent tan-negozju ta' Hong Kong fi ħdan il-komunità Ewropea tan-negozju tgiebet b'mod moderat fl-2025. Dan intwera fi sħarriġ dwar il-klima kummerċjali tal-kumpaniji Żvediżi li ġie ppubblikat f'Mejju 2025²¹ (l-istħarriġ tan-negozju Żvediż) u fi sħarriġ Ġermaniż dwar il-fiduċja tan-negozji li sar f'Awwissu 2025 (l-istħarriġ tan-negozju Ġermaniż)²². Fl-istħarriġ tan-negozju Ġermaniż, il-fiduċja tan-negozji laħqet l-oġġla livell tagħha mill-bidu tal-istħarriġ fl-2019. Il-fiduċja kienet ta' 3,84 (fuq skala minn 1 sa 5), żieda minn 3,36 fl-2024 u minn 2,30 fl-2022 (l-aktar baxxa rreġistrata). Fl-istħarriġ tan-negozju Żvediż, il-klima kummerċjali ta' Hong Kong ġiet ikklassifikata b'punteġġ ta' 3,3 (minn 5), żieda minn 3,1 fl-2024.

Il-kumpaniji fil-biċċa l-kbira jkomplu jqisu lil Hong Kong bħala **ċentru tan-negozju kompetittiv** bi propożta ta' valur b'saħħtu. Il-vantaġġi li wieħed ikun ibbażat f'Hong Kong jinkludu: sistema tat-taxxa sempliċi u baxxa; il-pożizzjoni ġeografika u l-konnettività tiegħu u l-aċċess għaċ-Ċina Kontinentali; il-faċilità biex tagħmel negozju; il-moviment liberu tal-kapital u l-konvertibilità sħiħa tad-dollaru ta' Hong Kong; is-sistema tad-dritt komuni; is-sikurezza tad-data, livell baxx ta' korruzzjoni u sikurezza pubblika għolja. Il-kumpaniji jqisu li huwa importanti li dawn il-vantaġġi jibqgħu fil-futur. Il-ftuħ ekonomiku pperċepit ta' Hong Kong ġie rifless fl-istħarriġ tan-negozju Żvediż, li kklassifika lil Hong Kong bħala s-suq bl-inqas ostakli fis-suq globalment. Fl-istħarriġ tan-negozju Ġermaniż, 92,4 % tar-rispondenti ma kinux qed jikkunsidraw ir-rilokazzjoni fit-12-il xahar li ġejjin (kontra 7,6 % li kkunsidraw rilokazzjoni parzjali) u 31,9 % indikaw pjaniġiet għal aktar investiment f'Hong Kong (bir-rispondenti li jifdal jiddikjaraw li ma għandhomx pjaniġiet bħal dawn jew huma indeċiżi).

Il-kumpaniji f'Hong Kong irrapportaw ukoll diversi sfidi. L-isfidi ewlenin jinkludu l-**kostijiet għoljin** tal-operat ta' negozju f'Hong Kong (inklużi l-kostijiet tax-xogħol u tal-proprjetà), ir-reklutaġġ u d-disponibilità tat-**talent** u l-bidliet fil-ġabra ta' talenti ta' Hong Kong. Tħassib addizzjonali tal-kumpaniji barranin u tal-UE huwa l-**iżviluppi politiċi u legali lokali mill-2019**, inkluża l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali u tħassib dwar il-libertà tal-kelma u tal-informazzjoni. Fl-istħarriġ tan-negozju Ġermaniż, il-klima politika kienet ikklassifikata bħala t-tieni l-aqħar qasam li jaffettwa l-kompetittività ta' Hong Kong (wara kwistjonijiet ta' kostijiet). Fl-istħarriġ Żvediż, 38 % tar-rispondenti vvalutaw li l-iżviluppi politiċi kellhom impatt negattiv jew negattiv ħafna fuq il-klima kummerċjali ta' Hong Kong (tnaqqis minn 51 % fl-2024) – bit-tħassib ewlieni jkun li dawn l-iżviluppi jipperikolaw l-istatus ta' Hong Kong bħala ċentru tan-negozju internazzjonali u jaffettwaw il-libertà tal-kelma u tal-media – filwaqt li 43 % irrapportaw impatt newtrali u 6 % impatt pożittiv. Iż-żewġ sħarriġiet urew ukoll it-tħassib eżistenti dwar is-sistema legali u l-ġudikatura. L-

²¹ Sħarriġ dwar il-Klima Kummerċjali għall-Kumpaniji Żvediżi fir-RAS ta' Hong Kong 2025 immexxi minn Business Sweden, mill-Kamra tal-Kummerċ Żvediża u mill-Konsulat Ġenerali tal-Iżvezja

<https://www.business-sweden.com/insights/reports/business-climate-surveys/hong-kong-sar-business-climate-survey-2025/>

²² L-Istħarriġ dwar il-Fiduċja fin-Negozju tal-2025, immexxi mill-Industrija u l-Kummerċ Ġermaniżi u mill-Kamra tal-Kummerċ Ġermaniża f'Hong Kong

<https://hongkong.ahk.de/en/news/german-business-in-hong-kong-2025>

impatt tat-tariffi tal-Istati Uniti fuq l-operat tal-kumpaniji tal-UE f'Hong Kong kien ukoll ta' tħassib.

L-attrazzjoni tat-talent lejn Hong Kong baqgħet politika ewlenija tal-Gvern. Matul is-sena, il-maġġoranza tal-ħaddiema attirati lejn Hong Kong taħt diversi skemi ta' talent tal-gvern kienu ċittadini ta' Ċina Kontinentali (eż. matul l-ewwel nofs tal-2025, l-aktar data reċenti disponibbli fil-ħin tal-kitba, 97 % tal-applikazzjonijiet approvati taħt l-Iskema ta' Ammissjoni ta' Migranti ta' Kwalità; 87 % taħt l-Iskema ta' Ammissjoni ta' Talent Teknoloġiku; u 94 % taħt l-Iskema Top Talent Pass).

Stħarriġ annwali reċenti ta' kumpaniji barranin f'Hong Kong imwettaq mid-Dipartiment ta' Ċensiment u l-Istatistika ta' Hong Kong **indika li l-għadd ta' kumpaniji barranin (minbarra l-kumpaniji Ċiniżi Kontinentali) żdied** fl-2025 bi 8,7 % meta mqabbel mal-2024, għal livell għoli storiku ta' 7 980. Dan jirrappreżenta wkoll żieda mil-livelli ta' qabel il-pandemija, b'żieda ta' 10,2 % mill-2019. Madankollu, il-kumpaniji barranin kienu wkoll iżgħar, b'medja ta' 46,0 membru tal-persunal għal kull kumpanija, tnaqqis ta' 7,1 % mill-2024 (49,5 membru tal-persunal) u 15,7 % fl-2019 (54,5). Barra minn hekk, l-għadd ta' kumpaniji barranin (mhux Ċiniżi) li għandhom il-kwartieri ġenerali reġjonali u l-uffiċċji reġjonali tagħhom fir-RAS baqa' aktar baxx, bi tnaqqis ta' 8,6 % mill-2019 (minkejja żieda ta' 3,9 % sena wara sena fl-2025). Sadanittant, **l-għadd ta' kumpaniji Ċiniżi Kontinentali** bbażati f'Hong Kong żdied bi 17,9 % sena wara sena fl-2025 u b'71,8 % meta mqabbel mal-2019 (issa jammontaw għal 27,8 % tal-kumpaniji mhux ta' Hong Kong, żieda minn 19,9 % fl-2019).

F'**Marzu 2025**, il-konglomerat ibbażat f'Hong Kong **CK Hutchison Holdings Ltd (CK Hutchison)** ħabbar tranżazzjoni strateġika ewlenija biex ibiġh il-maġġoranza tan-negozju portwarju globali tiegħu (43 port/terminal) fi 23 pajjiż (bl-esklużjoni tal-portijiet fi Ċina Kontinentali u f'Hong Kong), inkluż is-sehem ta' kontroll tiegħu f'Panama Ports Company (PPC), li topera terminali fiż-żewġ itruf tal-Kanal tal-Panama²³. Il-ftehim, stmat għal madwar USD 22,8 biljun, ġie maqbul fil-prinċipju ma' konsorzju mmexxi mill-maniġer tal-assi tal-Istati Uniti BlackRock Inc. flimkien ma' sħab, inkluża Terminal Investment Limited (TiL) ta' Mediterranean Shipping Co. (MSC). It-tranżazzjoni tħabbret minn CK Hutchison fost tensjonijiet ġeopolitiċi. Matul is-sena, diversi rapporti nnotaw kritika dwar il-bejgħ mill-uffiċjali ta' Hong Kong u ta' Ċina Kontinentali u pressjonijiet minn Beijing għal investitur strateġiku Ċiniż, irrapportat li huwa COSCO Shipping, li jkollu sehem fil-ftehim. F'**Lulju 2025**, **CK Hutchison** ħabbar diskussjonijiet bil-ħsieb li jiġi mistieden investitur strateġiku ewlieni mi-Ċina Kontinentali biex jissieħeb bħala membru sinifikanti tal-konsorzju²⁴. Sa tmiem l-2025, il-ftehim ma kienx komplut u baqa' politikament sensittiv. Barra minn hekk, deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Panama annullat il-konċessjoni ta' CK Hutchison u Maersk ħadet f'idejha l-operat taż-żewġ terminali tal-Panama (Balboa u Cristóbal) b'mod temporanju. Dan jista' jikkomplika wkoll kwalunkwe ftehim portwarju futur.

Politiki ekonomiċi

Fid-**diskors ta' politika annwali tiegħu fis-17 ta' Settembru 2025**, il-Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong iffoka l-aktar fuq l-iżvilupp ekonomiku u l-politiki ekonomiċi. Id-diskors ħabbar l-

²³ Tħabbira konġunta minn CK Hutchison Holdings Limited u BlackRock Inc., Global Infrastructure Partners u Terminal Investment Limited

https://www.ckh.com.hk/en/media/press_each.php?id=3431.

²⁴ Tħabbira minn CK Hutchison Holdings Limited

<https://www1.hkxnews.hk/listedco/listconews/sehk/2025/0728/2025072800045.pdf>

inizjattiva li jiġu kapitalizzati l-vantaġġi ta' Hong Kong bħala ċentru tan-negozju u pjattaforma ta' esportazzjoni biex **jiġu appoġġati l-intrapriżi Kontinentali fl-espansjoni barra mill-pajjiż**. Id-diskors ta' politika jirreferi għal bidla fl-enfasi strateġika, bl-intrapriżi Kontinentali jesploraw b'mod proattiv is-swieq emerġenti. F'Ottubru 2025, il-gvern ta' Hong Kong nieda t-Task Force dwar l-Appoġġ lill-Intrapriżi Kontinentali fil-Livell Globali (GoGlobal Task Force)²⁵, bl-iskop li timmobilizza l-uffiċċji barranin ta' Hong Kong, kif ukoll l-uffiċċji ta' Hong Kong fiċ-Ċina Kontinentali, sabiex l-intrapriżi Kontinentali jiġu mħeġġa jużaw Hong Kong meta jespandu n-negozji tagħhom barra mill-pajjiż. Id-diskors ta' politika jsemmi wkoll l-oġġettivi li ġejjin: (1) il-kumpaniji taċ-Ċina Kontinentali jiġu mħeġġa jistabbilixxu Ċentri tat-Teżor Korporattivi (CTCs) u kwartieri ġenerali reġjonali f'Hong Kong; (2) il-banek taċ-Ċina Kontinentali jiġu meħġuna jespandu fi swieq bħall-Asja tax-Xlokk u l-Lvant Nofsani; (3) l-industrija tal-wirjiet ta' Hong Kong tintuża bħala l-pjattaforma ideali sabiex il-marki taċ-Ċina Kontinentali "isiru globali"; (4) jiġu żviluppati servizzi tal-awditjar tal-karbonju biex jgħinu lill-intrapriżi li jsiru globali jissodisfaw ir-rekwiżiti internazzjonali; u (5) is-servizzi legali ta' Hong Kong jiġu mmobilizzati biex jassistu fl-espansjoni tal-intrapriżi taċ-Ċina Kontinentali.

L-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp tal-**Metropoli tat-Tramuntana** (li l-erja tal-art ippjanata u l-popolazzjoni prevista tagħha jammontaw għal madwar terz ta' dawk ta' Hong Kong) sabiex issir "il-magna l-ġdida għall-iżvilupp ekonomiku ta' Hong Kong" kienet il-politika ewlenija fid-diskors ta' politika. L-inizjattivi fid-diskors ta' politika biex jitħaffef l-iżvilupp u tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-suq jinkludu (i) l-introduzzjoni ta' approċċ ta' "żvilupp gradwali" ispirat mill-Kontinent; (ii) it-tnaqqis tal-primjum fuq l-art billi l-primjum ikun jista' jitħallas f'fażijiet u/jew fuq il-bażi tal-erja tal-art effettivament mibnija (minflok l-erja massima tal-art); u (iii) l-adozzjoni ta' disponimenti tal-art fuq skala kbira (f'Diċembru tnieda l-ewwel disponiment tal-art fuq skala kbira)²⁶. Għan iddikjarat huwa wkoll li jitnaqqsu l-kostijiet u ż-żmien tal-kostruzzjoni billi jiġu integrati t-teknoloġiji, il-materjali u t-tagħmir tal-kostruzzjoni miċ-Ċina Kontinentali u minn barra l-pajjiż. Id-diskors ta' politika ħabbar ukoll proċeduri simplifikati għall-istabbiliment ta' kumpaniji statutorji tal-parks industrijali (f'Diċembru ġiet stabbilita kumpanija tal-parks industrijali, kompletament proprjetà tal-Gvern, biex tiżviluppa l-park industrijali ta' Hung Shui Kiu fil-Metropoli tat-Tramuntana)²⁷. It-tisħiħ tal-governanza kien ukoll għan iddikjarat tad-diskors ta' politika u Kumitat għall-Iżvilupp tal-Metropoli tat-Tramuntana, ippresedut mill-Kap Eżekuttiv, tnieda u ltaqa' għall-ewwel darba fid-29 ta' Settembru. Ġew stabbiliti tliet gruppi ta' ħidma taħt il-Kumitat, ippreseduti rispettivament mis-Segretarju Finanzjarju, mill-Kap Segretarju għall-Amministrazzjoni u mill-Viċi Segretarju Finanzjarju. It-task force għall-kollaborazzjoni dwar l-istrateġija ta' żvilupp tal-Metropoli tat-Tramuntana, li kienet tinkludi l-awtoritajiet ta' Hong Kong u ta' Shenzhen, organizzat is-sitt u s-seba' laqgħat tagħha matul is-sena.

Matul is-sena, kompla l-iżvilupp tal-Metropoli tat-Tramuntana. Il-Gvern ħareġ sejħiet għal espressjonijiet ta' interess, inkluż għall-ferroviji, l-ekoturiżmu u d-disponiment tal-art fuq skala kbira. Il-Metropoli tat-Tramuntana għandha rwol importanti fl-istrateġija tal-Gvern biex issaħħaħ lil Hong Kong bħala ċentru internazzjonali għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (I&T). Il-Gvern reġa' beda juża l-ewwel lott ta' art²⁸ (jiġifieri l-Gvern ħa lura s-sjieda tal-art mingħand

²⁵ Sqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202510/06/P2025100600200.htm>.

²⁶ Sqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/29/P2025122900705.htm>.

²⁷ Sqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong https://www.news.gov.hk/eng/2025/12/20251229/20251229_145136_027.html.

²⁸ Sqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong https://www.news.gov.hk/eng/2025/07/20250710/20250710_174216_088.html.

sidien privati skont l-Ordinanza dwar it-Tkomplija tal-Akkwist tal-Artijiet) fis-San Tin Technopole – żona ġdida tal-I&T fil-Metropoli tat-Tramuntana – u nħareġ pjan ta' żvilupp għat-technopole²⁹. Tnediet offerta miftuħa fis-Sandy Ridge Data Facility Cluster (għall-faċilitajiet tal-enerġija tal-computing, id-data, l-intelliġenza artifiċjali u l-industrija diġitali)³⁰. Il-kostruzzjoni tal-ewwel tliet binjiet tal-Park ta' Hong Kong – li huwa parti miż-Żona ta' Kooperazzjoni għall-Innovazzjoni Xjentifika u Teknoloġika ta' Shenzhen-Hong Kong – li tinsab fuq iż-żewġ naħat tax-Xmara Shenzhen, tlestiet u l-Kap Eżekuttiv fetaħ uffiċjalment il-park fit-22 ta' Diċembru³¹. Se tinbena wkoll belt universitarja bħala parti mill-Metropoli tat-Tramuntana.

Il-kumpaniji tal-UE f'Hong Kong fl-industrija tal-kostruzzjoni, tal-inġinerija u tal-infrastruttura jemmnu li l-iżvilupp tal-Metropoli tat-Tramuntana se jipprovdi opportunitajiet ta' negozju, iżda rrapportaw ukoll kompetizzjoni akbar minn kumpaniji Ċiniżi f'dawn l-oqsma.

Sabiex jissaħħaħ ir-rwol tar-RAS bħala **ċentru kummerċjali internazzjonali** f'xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi, id-diskors ta' politika ħabbar li Hong Kong se jfittex li jespandi n-networks tiegħu ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investment u se jiftaħ uffiċċji ekonomiċi u kummerċjali ġodda. Il-kummerċ diġitali se jiġi promoss ulterjorment biex jitnaqqsu l-kostijiet u tiġi mħeġġa l-effiċjenza, inkluż fir-rigward tal-kummerċ elettroniku, il-finanzjament tal-kummerċ u l-aċċess għall-kreditu għall-SMEs. Dan jinkludi wkoll pjanijiet għal espansjoni ulterjuri tat-tieqa unika kummerċjali ta' Hong Kong (għas-sottomissjoni diġitali tad-dokumenti kummerċjali) u għall-konnessjoni tagħha mat-twieqi uniċi tal-Kontinent u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN). F'Diċembru, il-Gvern ippubblika konsultazzjoni tal-industrija għal emendi leġiżlattivi dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti kummerċjali bejn in-negozji³².

Hong Kong kompla jgħanna j-objettiv tiegħu li jiżviluppa lilu nnifsu bħala **ċentru għan-negozjar u l-ħżin ta' komoditajiet**. Id-diskors ta' politika ħabbar l-għanijiet biex tiżdied il-kapaċità ta' ħżin tad-deheb għal aktar minn 2 000 tunnellata, jiġu żviluppati n-negozjar, l-ikklerjar u l-ġestjoni tar-riskju tad-deheb, jiġu pprovduti konċessjonijiet tat-taxxa għan-negozjanti tal-komoditajiet u jiġu approfonditi l-konnessjonijiet mas-swieq tal-komoditajiet fiċ-Ċina Kontinentali. Matul is-sena, il-London Metal Exchange – kompletament proprjetà tal-Borża ta' Hong Kong – approvat diversi mħażen ta' komoditajiet f'Hong Kong (biex b'hekk it-total tela' għal 13 sa Diċembru) bħala parti min-network globali tal-imħażen tagħha³³. Matul is-sena, Hong Kong u Shenzhen iffirmaw MtQ għall-kooperazzjoni fin-negozjar tad-deheb, Shanghai Gold Exchange nediet l-ewwel mħażen offshore tagħha f'Hong Kong u tħabbret sistema ċentrali tal-ikklerjar għad-deheb f'Hong Kong (biex tibda topera fl-2026)³⁴. Il-Kumitat Strateġiku dwar il-Komoditajiet, ippresedut mis-Segretarju Finanzjarju, laqqa' l-ewwel laqgħa tiegħu f'Diċembru³⁵.

²⁹ Deskrizzjoni Kunċettwali tal-Pjan ta' Żvilupp għall-Industrija tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija fis-San Tin Technopole <https://www.info.gov.hk/gia/general/202511/20/P2025112000367.htm>.

³⁰ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202510/10/P2025100900761.htm>.

³¹ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong https://www.news.gov.hk/eng/2025/12/20251222/20251222_195653_282.html.

³² Sit web ta' HKEX

https://www.hkex.com.hk/News/News-Release/2025/251222news?sc_lang=en

³³ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202509/22/P2025092200492.htm>.

³⁴ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/22/P2025122200457.htm>.

³⁵ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/22/P2025122200602.htm>.

Skont id-diskors ta' politika, il-bastimenti li huma proprjetà ta', immaniġġati jew imħaddma minn, sidien ta' bastimenti ta' Hong Kong jammontaw għal kważi 10 % tat-tunnellaġġ tal-flotta merkantili tad-dinja. Sabiex **Hong Kong jissaħħaħ bħala ċentru tat-trasport bil-baħar** fost it-tnaqqis fil-volum tal-merkanzija fil-port ta' Hong Kong, id-diskors ta' politika ħabbar il-kontinwazzjoni tal-politika biex jiġu żviluppati servizzi marittimi ta' valur miżjud għoli (eż. l-immaniġġar u l-lokazzjoni tal-bastimenti, l-assigurazzjoni tal-baħar, il-liġi marittima u l-arbitraġġ). Dan ħabbar ukoll li s-sistema tal-komunità tal-portijiet³⁶ żviluppata matul is-sena se titnieda fil-bidu tal-2026, bil-għan li tippromwovi d-diġitalizzazzjoni, port intelliġenti u interkonnnettività transsettorjali. Il-Gvern ifittex ukoll li jestendi l-konnessjonijiet intermodali mal-Kontinent (ferrovija, baħar, art u xmara). Fir-rigward tal-konnessjonijiet internazzjonali, f'Novembru, il-Kap Eżekuttiv ħabbar l-istabbiliment ta' "relazzjonijiet bejn il-portijiet sħab" ma' żewġ portijiet fiċ-Ċina Kontinentali u mal-port ta' San Antonio fiċ-Ċili³⁷.

Hong Kong qed jippjana wkoll li jiżviluppa lillu nnifsu bħala **ċentru ta' trasport marittimu ekoloġiku u ta' bunkering tal-fjuwil marittimu ekoloġiku**. Id-diskors ta' politika jsemmi diversi inizjattivi, bħal (i) l-iżvilupp ta' kuritur ekoloġiku tat-trasport bil-baħar; (ii) il-ħtieġa li l-bastimenti jinstallaw miters tal-fluss tal-massa; (iii) studju ta' fattibbiltà dwar il-bunkering tal-ammonijaka ekoloġika u l-idroġenu; u (iv) l-iffaċilitar tal-kummerċ ta' fjuwils marittimi ekoloġiċi, inkluż miċ-Ċina Kontinentali. Matul is-sena, daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni għall-użu sikur ta' fjuwils marittimi ekoloġiċi mill-bastimenti³⁸; inħareġ kodiċi ta' prattika għall-bunkering ta' fjuwils alternattivi³⁹ u tnediet skema ta' inċentivi għall-bunkering ta' fjuwil marittimu ekoloġiku⁴⁰. L-industrija ġiet mistiedna twieġeb għal espressjoni ta' interess għall-iżvilupp ta' faċilitajiet għall-ħżin ta' fjuwil marittimu ekoloġiku⁴¹. Ġiet adottata eżenzjoni tad-dazju għall-alkoħol metiliku biex jintuża bħala fjuwil marittimu⁴². Ġiet stabbilita pjattaforma ta' komunikazzjoni għall-iżvilupp ta' fjuwil marittimu ekoloġiku biex tiffaċilita l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati tal-industrija⁴³.

Fl-2025, l-ajruport ta' Hong Kong kien l-aktar ajruport tal-merkanzija traffikuż fid-dinja, u l-Kap Eżekuttiv ħabbar pjanijiet sabiex **Hong Kong jissaħħaħ ulterjorment bħala ċentru tal-avjazzjoni internazzjonali**. L-għanijiet huma li (i) tinbena t-tielet runway miftuħa fl-2024 biex jiżdied l-għadd ta' passiġġieri u throughput tal-merkanzija fl-Ajruport Internazzjonali ta' Hong Kong (HKIA); (ii) jissaħħaħ in-network tat-trasport intermodali mal-Greater Bay Area (GBA) u (iii) tiġi żviluppata l-Belt tal-Ajruport (funzjonijiet ta' kummerċ, wirjiet u konvenzjoni, kultura u divertiment fl-HKIA). F'Diċembru, is-Segretarju għat-Trasport u l-Loġistika ħabbar li ntlaħqu ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru ma' seba' pajjiżi, inkluż

³⁶ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong https://www.news.gov.hk/eng/2025/05/20250516/20250516_192111_708.html.

³⁷ Diskors mis-CE fil-Konferenza Asjatika dwar il-Loġistika, l-Affarijiet Marittimi u l-Avjazzjoni 2025 <https://www.info.gov.hk/gia/general/202511/17/P2025111700478.htm>.

³⁸ Dokument ta' informazzjoni mid-Dipartiment Marittimu lill-Kunsill Leġiżlattiv <https://www.legco.gov.hk/yr2025/english/panels/edev/papers/edev20250304cb3-257-2-e.pdf>.

³⁹ Code of Practice - Safety and Operational Guidelines for Bunkering of Alternative Fuels, mahrug mid-Dipartiment Marittimu tal-HKSAR https://www.mardep.gov.hk/filemanager/en/share/pub-services/pdf/lvs_copbun.pdf.

⁴⁰ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202506/30/P2025063000367.htm>.

⁴¹ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202509/25/P2025092500691.htm>.

⁴² Emenda għar-Regolamenti dwar il-Komoditajiet Soġġetti għad-Dazju https://www.elegislation.gov.hk/hk/cap109A?xpid=ID_1438402566727_003.

⁴³ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202511/19/P2025111900627.htm>.

Stat Membru wieħed tal-UE⁴⁴. Fir-rigward tal-**avjazzjoni sostenibbli**, il-Gvern ħabbar mira għal proporzjon ta' konsum tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) ta' 1 % għal 2 % sal-2030 għal titjiriet li jitolqu minn HKIA⁴⁵. Id-diskors ta' politika ppreżenta għanijiet għall-iżvilupp ta' katina tal-industrija tal-SAF, sabiex il-fornituri lokali tal-SAF ikunu jistgħu jżidu l-produzzjoni tal-SAF fil-GBA, u għall-bini ta' faċilità ta' taħlit f'Hong Kong. F'Ottubru, Airbus u l-linja tal-ajru ewlenija ta' Hong Kong Cathay ħabbru investiment konġunt għall-iżvilupp tal-produzzjoni tas-SAF⁴⁶.

Fl-2025, Hong Kong ikklassifika bħala l-aqwa post fid-dinja għall-IPOs. Sabiex Hong Kong jissaħħa bħala **ċentru finanzjarju internazzjonali**, id-diskors ta' politika ħabbar għanijiet biex **jiġi approfondit is-suq tal-ekwità ta' Hong Kong**, inkluż billi jiġi ottimizzat ir-reġim tal-elenkar biex jiġu promossi l-IPOs, inkluż għall-kumpaniji tat-teknoloġija u tal-bijoteknoloġija, kif ukoll elenki sekondarji tad-ditti Ċiniżi elenkati fi swieq oħrajn. Matul is-sena, tnieda Kanali tal-Intrapriżi tat-Teknoloġija, li jiffaċilita l-elenkar tal-applikazzjonijiet għal ditti speċjalizzati tat-teknoloġija u tal-bijoteknoloġija⁴⁷ u l-Borża ta' Hong Kong (HKEX) introduċiet regoli emendati tal-elenkar (li jipprovdu aktar flessibbiltà fuq il-flotazzjoni pubblika, bid-dħul fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2026) u indiċijiet ġodda (Hang Seng Biotech Index Futures u HKEX Tech 100 Index). L-inizjattivi biex **jittejeb is-suq tal-bonds ta' Hong Kong** jinkludu l-iżvilupp ta' infrastruttura finanzjarja, il-bini ta' konnessjonijiet barranin (id-diskors ta' politika jsemmi l-Iżvizzera u l-Emirati Għarab Magħquda), il-promozzjoni tal-użu ta' Bonds tal-Gvern Ċiniż offshore bħala kollateral, l-introduzzjoni ta' futuri Ċiniżi ta' bonds tat-teżor offshore u l-esplorazzjoni tat-tnedija ta' repo transkonfinali tal-RMB. F'Settembru, il-Kummissjoni tat-Titoli u l-Futuri (SFC) u l-Awtorità Monetaria ta' Hong Kong (HKMA) żvelaw pjan direzzjonali biex jiżviluppaw lil Hong Kong bħala ċentru globali ta' introjtu fiss u munita⁴⁸. Sabiex jissaħħa ir-rwol ta' Hong Kong bħala l-akbar **ċentru kummerċjali offshore tal-RMB** fid-dinja, tnediet Faċilità Kummerċjali ġdida tal-RMB (li tipprovdi kwoti miżjuda ta' finanzjament tal-RMB lill-banek u lill-kumpaniji)⁴⁹ u d-diskors ta' politika ħabbar il-ħruġ ta' aktar bonds tal-RMB u l-kunsiderazzjoni li n-nefqa tal-Gvern tiġi saldata f'RMB. Il-Gvern kellu l-għan li jinkoraġġixxi aktar prodotti tal-assigurazzjoni u li javvanza l-ġestjoni tal-assi u tal-ġid – inkluż billi jtejjeb ir-reġimi tat-taxxa preferenzjali biex jattira aktar fondi; is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' awtorizzazzjoni għal trusts ta' investiment fil-proprjetà immobbli (REITs)⁵⁰ u l-investiment (direttament jew permezz ta' koinvestiment) f'ekwità privata lokali u fondi ħeġġ. Matul is-sena, HKEX fetħet sussidjarja ġdida f'Dubai, fetħet uffiċċju ġdid f'Riyadh, żiedet il-Borża tat-Tajlandja bħala borża rikonoxxuta u ffirmat MtQ mal-Borża tat-Titoli ta' Abu Dhabi⁵¹. F'Settembru, Hong Kong u l-Emirati Għarab Magħquda (UAE) ikkonkludew MtQ biex jespandu l-aċċess għas-suq transkonfinali għall-fondi pubbliċi taħt arranġament ta' rikonoxximent reċiproku tal-fondi (MRF)⁵².

⁴⁴ Diskors mis-Sa Mable Chan, Segretarja għat-Trasport u l-Loġistika

<https://www.tlb.gov.hk/eng/psp/speeches/transport/2025/20251209a.html>.

⁴⁵ Dokument ta' informazzjoni mill-Uffiċċju tat-Trasport u l-Loġistika lill-Kunsill Leġiżlattiv

<https://www.legco.gov.hk/yr2025/english/panels/dev/papers/dev20250929cb3-1331-2-e.pdf>.

⁴⁶ Stqarrija għall-istampa minn Airbus

<https://www.airbus.com/en/newsroom/press-releases/2025-10-airbus-and-cathay-form-co-investment-partnership-for-scaling>

⁴⁷ Stqarrija għall-istampa minn HKEX

https://www.hkex.com.hk/News/Regulatory-Announcements/2025/250506news?sc_lang=en

⁴⁸ Stqarrija għall-istampa minn HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/press-releases/2025/09/20250925-3/>

⁴⁹ Sit web ta' HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/key-functions/money/liquidity-facility-framework/rmb-liquidity-facility-and-primary-liquidity-providers/>

⁵⁰ Stqarrija għall-istampa minn SFC

<https://apps.sfc.hk/edistributionWeb/gateway/EN/news-and-announcements/news/doc?refNo=25PR164>

⁵¹ Sit web ta' HKEX

https://www.hkex.com.hk/News/News-Release/2025/251222news?sc_lang=en

⁵² Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tat-Titoli u l-Futuri ta' Hong Kong

Id-diskors ta' politika ħabbar li l-Gvern se jkompli jappoġġa l-iżvilupp tal-**Fintech u ta' assi virtwali (VA)**. L-SFC ħarġet pjan direzzjonali regolatorju għas-suq tal-VA ta' Hong Kong⁵³ u ħabbret it-tnaqqis tar-regoli għal pjattaformi ta' negozjar tal-VA liċenzjati lokalment (li jippermettu ordnijiet ikkombinati ma' pjattaformi barranin u jnaqqsu d-distribuzzjoni għal investituri professjonali)⁵⁴. F'Mejju, ġie approvat abbozz ta' liġi dwar l-istablecoins biex jiġi stabbilit reġim ta' liċenzjar għall-emittenti ta' stablecoins referenzjati għall-fiat (FRS)⁵⁵ (ma nħarġet l-ebda liċenzja sa tmiem l-2025)⁵⁶. Il-Gvern ħareġ id-Dikjarazzjoni ta' Politika 2.0 tiegħu dwar l-Iżvilupp tal-Assi Digitali⁵⁷. Saru konsultazzjonijiet għal proposti leġiżlattivi għall-istabbiliment ta' reġimi ta' liċenzjar għall-fornituri ta' servizzi ta' negozjar u kustodja tal-VA u għall-fornituri ta' servizzi ta' konsulenza u ta' ġestjoni (bl-iskop li jiġu introdotti abbozz ta' liġijiet fl-2026)⁵⁸. Matul is-sena tnediet konnessjoni ta' ħlas li tgħaqqad is-sistema ta' ħlas bl-internet banking (IBPS, internet banking payment system) taċ-Ċina Kontinentali mas-sistema ta' ħlas aktar veloċi (FPS, faster payment system) ta' Hong Kong⁵⁹. F'Novembru, l-HKMA ħarġet l-istrateġija FinTech 2030 tagħha, li tkopri l-infrastruttura tad-data u tal-ħlas; l-intelliġenza artifiċjali; it-tokenizzazzjoni u l-finanzi digitali⁶⁰. Matul is-sena, l-HKMA lestiet il-fażi 2 tal-programm pilota e-HKD tagħha u ħabbret li se tipprijoritizza x-xogħol tal-e-HKD fil-ħlasijiet bl-ingrossa fil-futur immedjat (inkluż għal ħlas transkonfinali), filwaqt li tkompli twitti t-triq għall-użu futur potenzjali ta' e-HKD għal individwi u korporazzjonijiet⁶¹.

Dwar il-**finanzi ekoloġiċi**, id-diskors ta' politika ħabbar ħidma biex jiġi żviluppat suq tal-karbonju fi ħdan il-GBA – inkluż permezz ta' (i) it-titjib tal-pjattaforma Core Climate (is-suq tal-karbonju ta' HKEX, li jirreġistra negozjar limitat skont l-analisti); (ii) il-formulazzjoni ta' standards volontarji ta' kreditu tal-karbonju; (iii) l-iżvilupp ta' servizzi tal-awditjar tal-karbonju u n-negozjar ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju. Għan ieħor huwa li l-intrapriżi li jużaw lil Hong Kong jiġu meġġuna biex isiru globali (inklużi d-ditti Ċiniżi) biex jissodisfaw ir-rekwiżiti internazzjonali tal-emissjonijiet tal-karbonju. F'Settembru, ġie ffirmat MtQ bejn HKEX u l-iskambji fil-GBA fir-rigward tal-iżvilupp tas-swieq tal-karbonju u l-finanzi ekoloġiċi⁶². F'Settembru, l-HKMA ħarġet prototip għall-estensjoni tat-tassonomija ta' Hong Kong għall-finanzi sostenibbli (immedja fl-2024)⁶³. Il-prototip iżid żewġ setturi ġodda (il-manifattura u l-ICT), kriterji għal attivitajiet ta' tranżizzjoni u kategorija ta' "adattament għat-tibdil fil-klima" u jagħmel referenza għat-tassonomija u l-istandards tal-UE. Matul is-sena, il-Gvern kompli jgħod bonds ekoloġiċi (inklużi dawk denominati f'euro) taħt il-programm ta'

<https://apps.sfc.hk/edistributionWeb/gateway/EN/news-and-announcements/news/doc?refNo=25PR149>

⁵³ Il-pjan direzzjonali regolatorju tal-SFC għas-suq tal-assi virtwali ta' Hong Kong

<https://www.sfc.hk/-/media/EN/files/ER/ASPIRe/ASPIRe-roadmap-for-Hong-Kongs-virtual-asset-market-Eng.pdf>

⁵⁴ Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tat-Titoli u l-Futuri (SFC) <https://apps.sfc.hk/edistributionWeb/gateway/EN/news-and-announcements/news/corporate-news/doc?refNo=25PR182>.

⁵⁵ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.news.gov.hk/eng/2025/05/20250521/20250521_170205_430.html

⁵⁶ Sit web tal-HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/regulatory-resources/registers/register-of-licensed-stablecoin-issuers/>

⁵⁷ Dikjarazzjoni ta' Politika 2.0 dwar l-Iżvilupp tal-Assi Diġitali f' Hong Kong

https://gia.info.gov.hk/general/202506/26/P2025062600269_500089_1_1750909574183.pdf.

⁵⁸ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/24/P2025122400265.htm>

⁵⁹ Stqarrija għall-istampa minn HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/press-releases/2025/06/20250620-4/>

⁶⁰ Stqarrija għall-istampa minn HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/press-releases/2025/11/20251103-3/>

⁶¹ Stqarrija għall-istampa minn HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/press-releases/2025/10/20251028-4/>

⁶² Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.news.gov.hk/eng/2025/09/20250923/20250923_193938_385.html.

⁶³ Stqarrija għall-istampa mill-Awtorità Monetarja ta' Hong Kong

<https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/insight/2025/09/20250908/>

bonds sostenibbli tal-Gvern li tnieda fl-2018 u kompla jiffinanzja skemi ta' finanzjament sostenibbli⁶⁴. Regoli ġodda minn HKEX li jirrikjedu li l-entitajiet elenkati jiddivulgaw informazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-klima ilhom fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025 u għandhom jiġu implimentati f'fajjiet⁶⁵.

Matul is-sena, il-Gvern kompla l-politika tiegħu li **jippromwovi lil Hong Kong bħala ċentru għall-innovazzjoni u t-teknoloġija (I&T)**. Hong Kong ikklassifika fil-15-il post globalment (u l-ħames fl-Asja) fl-Indiċi Globali tal-Innovazzjoni 2025 mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali u r-raggruppament Shenzhen-Hong Kong-Guangzhou kklassifika fl-ewwel post globalment bħala raggruppament tal-innovazzjoni⁶⁶.

L-inizjattivi deskritti fid-diskors ta' politika jinkludu (i) l-attrazzjoni ta' kumpaniji innovattivi u ta' valur għoli permezz ta' politiki preferenzjali dwar l-art, sussidji finanzjarji, u inċentivi tat-taxxa; (ii) it-titjib tal-iskema l-għdida ta' aċċellerazzjoni tal-industrijalizzazzjoni⁶⁷; (iii) l-appoġġ lill-SMEs fl-evalwazzjoni tal-privattivi tagħhom; u (iv) l-emendar tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Id-diskors ta' politika enfażizza wkoll l-iżvilupp ulterjuri tal-**industrija tat-teknoloġija tal-ħajja u tas-saħħa**, inkluża l-attrazzjoni ta' aktar kumpaniji farmaċewtiċi; aktar ħeffa fl-approvazzjonijiet ta' mediċini godda⁶⁸; l-għajnuna lill-kumpaniji biex iġibu mediċini innovattivi fis-swieq Kontinentali u internazzjonali; l-istandardizzazzjoni tad-data klinika fi ħdan il-GBA; u l-promozzjoni ta' provi mediċi, inklużi provi transfruntieri fi ħdan il-GBA (f'Diċembru tnediet pjattaforma ta' kollaborazzjoni fi provi kliniċi tal-GBA)⁶⁹. Id-diskors ta' politika ħabbar ukoll li se jiġi stabbilit Ċentru ta' Hong Kong għar-Regolamentazzjoni tal-Prodotti Mediċi u ġiet proposta proposta leġiżlattiva dwar ir-regolamentazzjoni tal-apparati mediċi. F'Diċembru 2025 beda jopera l-Isptar tal-Mediċina Ċiniża ta' Hong Kong⁷⁰ u ġie rilaxxat Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Mediċina Ċiniża, inklużi pjanijiet biex Hong Kong jiġi stabbilit bħala pont għall-espansjoni globali tal-Mediċina Ċiniża⁷¹.

Qasam addizzjonali li għandu jiġi żviluppat biex jappoġġa l-iżvilupp tal-I&T huwa **l-intelliġenza artiċjali (IA) u x-xjenza tad-data**. Il-leġiżlazzjoni se tiġi rieżaminata biex tappoġġa varar usa' tal-IA. L-IA se tintuża wkoll biex ittejjeb l-effiċjenza tal-Gvern u tas-servizzi finanzjarji u l-industrija tal-kostruzzjoni. Il-Gvern ħabbar li se jiġi stabbilit Istitut għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-IA⁷². Ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-IA se jiġu promossi ulterjorment, permezz ta' skema ta' appoġġ għar-riċerka fit-teknoloġiji tal-fruntiera (immedija f'Settembru 2025)⁷³; permezz tal-programm ta' riċerka InnoHK u permezz ta' ċentru tas-supercomputing tal-IA (immedija f'Diċembru 2024). Il-Gvern investa wkoll direttament f'intrapriżi tal-IA, permezz ta' The Hong Kong Investment Corporation Limited. Il-mekkaniżmi għall-fluss transfruntier tad-data Kontinentali lejn il-Park ta' Hong Kong se jappoġġaw ukoll it-tnedija tal-

⁶⁴ Inkluża l-Iskema ta' Għotjiet għal Finanzjament Ekoloġiku u Sostenibbli, l-Iskema Pilota ta' Appoġġ għall-Bini tal-Kapaċità tal-Finanzi Ekoloġiċi u Sostenibbli, l-Iskema ta' Appoġġ għall-Finanzjament ta' Proof-of-Concept Fintech Ekoloġika u Sostenibbli.

⁶⁵ Sit web tal-HKEX: https://www.hkex.com.hk/Listing/Sustainability/ESG-Academy/ESG-in-Practice/Climate-Change?sc_lang=en.

⁶⁶ Indiċi Globali tal-Innovazzjoni (GII) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO) 2025

<https://www.wipo.int/web-publications/global-innovation-index-2025/en/index.html>

⁶⁷ Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202510/31/P2025103100638.htm>.

⁶⁸ Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/22/P2025122200201.htm>.

⁶⁹ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.news.gov.hk/eng/2025/12/20251210/20251210_144222_520.html.

⁷⁰ Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/18/P2025121800500.htm>.

⁷¹ Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202510/15/P2025101500264.htm>.

⁷² Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202509/26/P2025092500877.htm>.

IA skont il-Gvern. Hong Kong qed jiżviluppa wkoll l-**ekonomija ta' altitudni baxxa** u t-**teknoloġija ajruspazjali**, permezz ta' proġetti pilota sperimentali regolatorji, permezz ta' finanzjament, kif ukoll billi jemenda l-leġiżlazzjoni u jospita avvenimenti⁷³. Id-diskors ta' politika ħabbar li se jinħareġ pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ta' altitudni baxxa u f'Diċembru uffiċjal ta' Hong Kong ħabbar l-għan li jniedi droni tal-passiġġieri fi żmien sentejn jew 3 snin⁷⁴.

Għat-tisħiħ ta' Hong Kong bħala **ċentru legali u ta' soluzzjoni tat-tilwim**, id-diskors ta' politika ħabbar kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Medjazzjoni (IOMed), stabbilita u li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Hong Kong matul is-sena (inkluż il-bini tal-bini tas-servizz legali internazzjonali ta' Hong Kong biswit IOMed). Il-Gvern se jsaħħaħ ukoll l-akkreditazzjoni għall-professjoni ta' medjazzjoni u se jistudja l-ħtieġa li tiġi emendata l-Ordinanza dwar l-Arbitraġġ. F'Diċembru 2025, il-Gvern ħabbar li l-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tad-Dritt Privat (UNIDROIT), li għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Ruma, iddeċieda li jistabbilixxi l-Uffiċċju ta' Kollegament tiegħu bejn l-Asja u l-Paċifiku f'Hong Kong⁷⁵.

L-industriji tal-kultura, l-isport u t-turiżmu se jiġu promossi ulterjorment, inkluż billi jiġu ospitati avvenimenti kbar, jiġi żviluppat skambju kulturali u tiġi kkonsolidata l-pożizzjoni ta' Hong Kong bħala ċentru għall-kummerċ tal-arti. Il-Gvern għandu l-għan li jattira viżitaturi ġodda, inkluż mil-Lvant Nofsani u mill-ASEAN, biex jiżviluppa “ekonomija tal-jottijiet” u turiżmu tal-kruċieri. Il-Kai Tak Sports Park – stadium kbir – infetaħ matul is-sena.

Il-Gvern se jkompli **jrawwem ukoll it-talenti lokali u jattira t-talenti Kontinentali u barranin**. Hong Kong se jiġi żviluppat ulterjorment bħala ċentru internazzjonali tal-edukazzjoni u r-riċerka, inkluż billi jiġu attirati riċerkaturi, għalliema u studenti, u jiġu promossi l-mobbiltà tat-talenti, l-iskambji tal-edukazzjoni u l-kooperazzjonijiet bejn l-universitajiet u l-industriji. Fl-2025, Hong Kong kellu ħames universitajiet fost l-aqwa 100 fid-dinja. Il-Gvern se jappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' skejjel internazzjonali u se jkompli jesplora r-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki fil-livell ta' sub-lawrja bejn Hong Kong u ċ-Ċina Kontinentali.

Id-diskors ta' politika ħabbar inizzjattivi maħsuba biex **jappoġġaw lil intrapriżi żgħar u medji** (SMEs), inkluż b'appoġġ finanzjarju, billi jgħinu fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom u jappoġġawhom fl-esplorazzjoni ta' swieq barranin. Il-miżuri għandhom ukoll l-għan li **jtejbu s-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni**, inklużi l-miri għall-bini ta' 189 000 unità ta' akkomodazzjoni pubblika, li jnaqqsu ż-żmien ta' stennija għal akkomodazzjoni tal-kiri sussidjata għal 4 snin u nofs u li jżidu l-provvista ta' akkomodazzjoni privata – flimkien ma' regolamentazzjoni aħjar tal-110 000 unità suddiviżi tal-belt. Id-diskors ta' politika jinkludi wkoll inizzjattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-**tixjiħ tal-popolazzjoni ta' Hong Kong u biex tiġi appoġġata l-fertilità**.

⁷³ Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.news.gov.hk/eng/2025/03/20250320/20250320_141320_260.html

https://www.news.gov.hk/eng/2025/08/20250825/20250825_171443_511.html

https://www.news.gov.hk/eng/2025/10/20251027/20251027_111022_326.html

https://www.news.gov.hk/eng/2025/07/20250717/20250717_173355_831.html

https://www.news.gov.hk/eng/2025/10/20251009/20251009_174638_112.html

⁷⁴ Artiklu mis-South China Morning Post

<https://www.scmp.com/news/hong-kong/hong-kong-economy/article/3336372/hong-kong-aims-launch-passenger-carrying-drones-2-3-years>

⁷⁵ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.news.gov.hk/eng/2025/12/20251224/20251224_103202_383.html

Fir-rigward tal-**politiki ambjentali u klimatiċi**, id-diskors ta' politika tenna l-għan ta' Hong Kong li jikseb in-newtralità karbonika sal-2050. Huwa ħabbar inizjattivi u politiki maħsuba biex jiżviluppaw mobbiltà u enerġija ekoloġiċi, inklużi l-iżvilupp tal-katina tal-industrija tal-SAF u l-faċilitajiet ta' taħlit; il-promozzjoni ulterjuri tal-idroġenu (id-diskors ta' politika jirreferi għal 28 proġett ta' prova li għaddejjin), il-formulazzjoni ta' ċertifikazzjoni standard tal-idroġenu u l-iżvilupp ta' kuritur tal-idroġenu tal-GBA; it-tkomplija tat-tnedija ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar veloċi għal vetturi elettriċi u l-bini tal-ewwel faċilità għar-riċiklaġġ tal-batteriji tal-vetturi elettriċi fuq skala kbira ta' Hong Kong; kif ukoll l-espansjoni tas-sistemi ta' tranżitu tal-massa (inkluż il-metrò). Matul is-sena kien qed jinbena impjant ġdid tal-irkupru enerġetiku. Il-Gvern ħabbar li se jistabbilixxi ċentru ta' taħriġ għall-iżvilupp ekoloġiku sostenibbli tal-inizjattiva "Belt and Road" (B&R) li jipprovdi taħriġ lill-pajjiżi tal-B&R. Fil-31 ta' Diċembru, il-Gvern ħareġ l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni tal-Bijodiversità ta' Hong Kong għall-2035⁷⁶.

Politika tal-kummerċ

Hong Kong għandu **disa' ftehimiet ta' kummerċ ħieles** (FTAs) maċ-Ċina Kontinentali (il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika maċ-Ċina jew CEPA, minn Ġunju 2003 u msaħħa wara), ma' New Zealand (Marzu 2010), mal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (Ġunju 2011), maċ-Ċili (Settembru 2012), mal-Macao (Ottubru 2017), mal-ASEAN (Novembru 2017), mal-Georgia (Ġunju 2018), mal-Awstralja (Marzu 2019) u l-Perù (Novembru 2024).

Fi tmiem l-2025, Hong Kong kellu **23 ftehim dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-investimenti (IPPAs)** ma' ekonomiji barranin (inkluż ma' 10 Stati Membri tal-UE). L-aktar wieħed reċenti minn fost dawn il-ftehimiet ġie ffirmat fl-2024 mal-Bahrain u daħal fis-seħħ f'Marzu 2025. Fl-2023 ġie ffirmat IPPA mat-Turkija, iżda sa tmiem l-2025 id-dħul fis-seħħ tiegħu kien għadu pendent. Ġew konklużi negozjati għall-IPPAs mal-Maldivi u l-Myanmar, bl-iffirmar għadu pendent. Is-sit web tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Hong Kong jelenka wkoll l-IPPAs li qed jiġu kkonsultati/innegozjati mal-Bangladesh, l-Eġittu, il-Perù, il-Qatar, ir-Russja u l-Arabja Sawdija.

Hong Kong u l-Ġordan iffirmaw ftehim dwar l-evitar tat-taxxa doppja f'Settembru 2025, filwaqt li l-ftehimiet dwar l-evitar tat-taxxa doppja daħlu fis-seħħ mal-Armenja f'April 2025 u mal-Bahrain f'Marzu 2025.

Fid-diskors ta' politika tiegħu, il-Kap Eżekuttiv qal li Hong Kong se jkompli jfittex adeżjoni bikrija mas-**Sħubija Ekonomika Komprensiva Reġjonali** li tinkludi 15-il pajjiż fir-reġjun Asja-Paċifiku. Hong Kong issottometta t-talba għall-adeżjoni tiegħu fil-bidu tal-2022, iżda ma kienx issieħeb fis-sħubija sal-aħħar tal-2025.

Hong Kong għandu **15-il Uffiċċju Ekonomiku u Kummerċjali (ETOs)** barra mill-pajjiż, f'Berlin, fi Brussell, f'Ġinevra, f'Londra, f'Bangkok, f'Jakarta, f'Kuala Lumpur, f'Singapore, f'Sydney, f'Tokyo, f'Dubai, fi New York, f'San Francisco, f'Toronto u f'Washington DC. L-ETO f'Kuala Lumpur beda jopera f'Diċembru 2025. Fid-diskors ta' politika, il-Kap Eżekuttiv qal li Hong Kong se jfittex li jiftaħ ETOs addizzjonali fl-Amerika Latina u fl-Asja Ċentrali.

Integrazzjoni ekonomika maċ-Ċina Kontinentali

⁷⁶ Stqarrijiet għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong https://www.news.gov.hk/eng/2025/12/20251231/20251231_123058_774.html.

L-Arranġament ta' Sħubija Ekonomika Egreb (CEPA) bejn iċ-Ċina Kontinentali u Hong Kong jipprovdi tariffi żero fuq oġġetti importati ta' oriġini minn Hong Kong esportati lejn iċ-Ċina Kontinentali (f'konformità mar-regoli tal-oriġini tas-CEPA), kif ukoll trattament preferenzjali għall-Fornituri tas-Servizzi ta' Hong Kong (HKSS) f'għadd ta' setturi tas-servizzi fiċ-Ċina Kontinentali, u miżuri ta' protezzjoni tal-investment.

Fir-rigward tal-**integrazzjoni finanzjarja u l-aċċess reċiproku**, Hong Kong u iċ-Ċina Kontinentali implimentaw diversi skemi u mekkaniżmi li jipprovdu lil Hong Kong b'konnettività mingħajr paragun mas-suq kapitali taċ-Ċina u jsaħħu r-rwol tiegħu bħala ċentru finanzjarju. L-iskema ta' "Stock Connect" tgħaqqad il-Borża ta' Hong Kong mal-kontropartijiet tagħha f'Shanghai u Shenzhen. "Bond Connect" hija skema ta' aċċess reċiproku għas-swieq tal-bonds ta' Hong Kong u taċ-Ċina Kontinentali. L-iskema "Cross-boundary Wealth Management Connect" fil-GBA ta' Guangdong-Hong Kong-Macao ("WMC Transfruntiera") tippermetti lir-residenti eliġibbli taċ-Ċina Kontinentali, ta' Hong Kong u tal-Macao jinvestu fi prodotti ta' ġestjoni tal-ġid fis-suq ta' xulxin. "Swap Connect" huwa programm ta' aċċess reċiproku għas-suq tad-derivattivi li jippermetti lill-investituri f'Hong Kong jinnegozjaw u jikklerjaw swaps tar-rati tal-imġax tal-RMB onshore, mingħajr ma jbiddu l-prattiki eżistenti tagħhom ta' negozjar u saldu. Matul is-sena, ġew żviluppatis "Swap Connect"⁷⁷, il-"Bond Connect"⁷⁸ u d-WMC Transfruntiera⁷⁹. Fid-diskors ta' politika, il-Kap Eżekuttiv qal li l-Gvern se jimxi 'l quddiem bl-inklużjoni ta' bank tal-kummerċ tal-RMB taħt is-Southbound Stock Connect. F'Ġunju tnediet sistema ta' ħlas ġdida msejja "payment connect" mill-HKMA u mill-People's Bank of China. F'Settembru, il-Bank tal-Poplu taċ-Ċina (PBoC, People's Bank of China) ħabbar l-appoġġ tiegħu għal approfondiment ulterjuri tal-aċċess reċiproku bejn is-swieq finanzjarji taċ-Ċina Kontinentali u Hong Kong⁸⁰.

Dwar il-**Greater Bay Area**, il-Kap Eżekuttiv qal fid-diskors ta' politika li Hong Kong se jkompli jsaħħaħ b'mod proattiv il-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku fi ħdan il-GBA biex itejjeb il-fluss ta' nies, oġġetti, data u kapital. Huwa ħabbar li l-park tal-loġistika tal-Ajruport Internazzjonali ta' Hong Kong (HKIA) fil-belt provinċjali ta' Guangdong, Dongguan – immirat biex jiffaċilita l-esportazzjonijiet tal-merkanzija mill-Kontinent – se jiġi żviluppata ulterjorment. Huwa enfażizza wkoll fuq il-kooperazzjoni medika transfruntiera, inklużi l-appoġġ għall-provi kliniċi⁸¹ u l-istandardizzazzjoni tad-data klinika, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-katina tal-industrija. Matul is-sena, il-gvern ta' Hong Kong kompli jiżviluppa konnessjonijiet ferrovjarji transfruntieri⁸², iffaċilita ulterjorment l-arranġamenti transfruntieri għall-karozzi⁸³ u ppromwova l-mobilità tal-impjiegi taż-żgħażaġh⁸⁴. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji u legali,

⁷⁷ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong https://www.news.gov.hk/eng/2025/09/20250925/20250925_171614_881.html

Stqarrija għall-istampa mill-HKMA

<https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/press-releases/2025/05/20250515-7/>

⁷⁸ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong <https://www.info.gov.hk/gia/general/202507/08/P2025070800606.htm>.

⁷⁹ Ċirkolari mill-SFC <https://apps.sfc.hk/edistributionWeb/gateway/EN/circular/intermediaries/supervision/doc?refNo=25EC60>

Ċirkolari mill-HKMA

<https://brdr.hkma.gov.hk/eng/doc-ldg/docId/getPdf/20250321-1-EN/20250321-1-EN.pdf>

⁸⁰ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202509/25/P2025092501054.htm>.

⁸¹ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/22/P2025122200201.htm>

⁸² Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202510/31/P2025103100322.htm>.

⁸³ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

https://www.news.gov.hk/eng/2025/10/20251031/20251031_123417_912.html.

⁸⁴ <https://www.youth.gov.hk/en/career-study/stories/194716ec-9c49-4b6e-93f7-705eeb736e55>

id-diskors ta' politika ħabbar direzzjonijiet għal referenzjar avvanzat tal-kreditu transfruntier⁸⁵, l-iżvilupp ulterjuri tan-negozjar tal-komoditajiet u tal-karbonju mal-GBA; it-titjib tal-“payment connect” u l-promozzjoni tal-arbitraġġ kummerċjali fil-GBA⁸⁶.

III. Relazzjonijiet bejn Hong Kong u ċ-Ċina Kontinentali

L-20 Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina organizza r-raba' sessjoni plenarja tiegħu bejn l-20 u t-23 ta' Ottubru. Il-laqgħa ffokat fuq il-formulazzjoni tal-15-il pjan ta' 5 snin taċ-Ċina li se jiggwida l-iżvilupp tal-pajjiż mill-2026 sal-2030. Fir-“Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina għall-Formulazzjoni tal-15-il Pjan ta' 5 Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali” li nħarġu fit-28 ta' Ottubru, il-Partit wiegħed l-appoġġ tiegħu għall-“prosperità u l-istabbiltà fit-tul” ta' Hong Kong u l-Macao.

Fit-23 ta' Ottubru, il-Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong enfasizza li “Hong Kong se jidentifika u jiffoka fuq il-pożizzjoni vantaġġuża tiegħu fil-blueprint ta' żvilupp tal-pajjiż, jallinja b'mod proattiv mal-kapitoli dwar Hong Kong u l-Macao fil-15-il pjan ta' 5 snin, jaħtaf l-opportunitajiet sinifikanti li jgħib miegħu l-iżvilupp tal-pajjiż, u jisfrutta l-vantaġġi uniċi tiegħu stess fl-iżvilupp nazzjonali.”

Delegazzjoni magħmula mill-President tal-Akkademja tax-Xjenzi taċ-Ċina u l-Viċi Direttur tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ċentrali għall-Affarijiet Finanzjarji u Ekonomiċi li jservi wkoll bħala Viċi Direttur tal-Uffiċċju tal-Grupp Ċentrali ta' Tmexxija għall-Affarijiet Rurali tal-Partit Komunista taċ-Ċina żaret Hong Kong bejn l-24 u l-25 ta' Novembru biex tiddiskuti l-15-il pjan ta' 5 snin u l-implikazzjonijiet tiegħu għal Hong Kong.

Id-Direttur tal-Uffiċċju tax-Xogħol ta' Hong Kong u l-Macao taħt il-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina (CPC) u l-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina żar Hong Kong bejn it-18 ta' Ġunju u t-22 ta' Ġunju. Huwa ffoka fuq l-iżvilupp ekonomiku tal-belt, speċjalment il-proġett tal-Metropoli tat-Tramuntana. Id-Direttur għamel ukoll diskors fil-21 ta' Ġunju f'forum li jfakkar il-ħames anniversarju tal-NSL, fejn enfasizza l-importanza ta' sforzi kontinwi biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà nazzjonali.

B'referenza għall-kliem tad-Direttur, fl-24 ta' Ġunju, il-Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong wissa dwar l-eżistenza kontinwa ta' “reżistenza ratba”. F'approċċ tal-gvern kollu, it-18-il segretarju kollha u s-seba' mexxejja tal-forzi dixxiplinarji – inklużi l-pulizija, id-dwana u l-pumpieri – segwew l-eżempju u enfasizzaw pubblikament l-isforzi tagħhom fis-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali f'intervisti mal-media u posts fuq il-media soċjali.

Bejn it-8 u l-10 ta' Frar, id-Direttur tal-Uffiċċju tax-Xogħol ta' Hong Kong u l-Macao żar il-belt Ċiniża ġara ta' Shenzhen. Fid-9 ta' Frar, id-Direttur ospita laqgħa mal-uffiċjali ta' Hong Kong dwar l-integrazzjoni ulterjuri tal-GBA.

Fil-11 ta' Frar, Eric Chan, li dak iż-żmien kien l-Aġent Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong, enfasizza li d-Direttur kien ipprova “struzzjonijiet ċari ħafna” dwar kif Hong Kong għandu jallinja mal-istrateġiji nazzjonali fl-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji, b'mod partikolari dwar kif jintegra mal-Kontinent “mill-aktar fis possibbli”.

⁸⁵ Ċirkolari mill-HKMA

<https://brdr.hkma.gov.hk/eng/doc-ldg/docId/getPdf/20251009-2-EN/20251009-2-EN.pdf>

⁸⁶ Stqarrija għall-istampa mill-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong
<https://www.info.gov.hk/gia/general/202512/09/P2025120900687p.htm>.

Fit-30 ta' Mejju, il-Kunsill tal-Istat taċ-Ċina ħatar lil Zhou Ji, li qabel kien Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju tax-Xogħol ta' Hong Kong u l-Macao tal-Kumitat Ċentrali tas-CPC bħala d-Direttur il-ġdid tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Gvern Ċentrali fil-belt u l-konsulent tas-sigurtà nazzjonali għall-Kumitat tal-belt għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali, li ħa post Zheng Yanxiong.

Fl-14 ta' Lulju, Beijing ħatret lil Xu Qifang, l-eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni tal-Kumitat Ċentrali tas-CPC, biex jieħu post Zhou fl-Uffiċċju tax-Xogħol ta' Hong Kong u l-Macao.

Fil-31 ta' Diċembru, il-Viċi Direttur tal-Uffiċċju ta' Kollegament Qi Bin ġie sostitwit minn Zhang Yong, li qabel kien serva bħala l-Viċi President Eżekuttiv taċ-China COSCO Shipping Corporation.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong mexxa delegazzjoni ta' 360 ruħ minn Hong Kong biex jattendu l-parata militari f'Beijing fit-3 ta' Settembru li kkommemorat ir-rebħa taċ-Ċina fuq il-Ġappun fit-Tieni Gwerra Dinjija.

Bejn it-3 u s-7 ta' Lulju, l-aircraft carrier Ċiniż Shandong żar Hong Kong. Il-flotta kienet tinkludi d-destroyers tal-missili Yan'an u Zhanjiang, u l-frigata tal-missili Yuncheng. Matul iż-żjara ta' 5 ijiem, aktar minn 30 000 persuna imbarkaw il-bastimenti navali Shandong, Zhanjiang u Yuncheng għal żjarat.

Il-15-il edizzjoni tal-Logħob Nazzjonali u t-12-il edizzjoni tal-Logħob Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità u d-disa' edizzjoni tal-Logħob Olimpiku Speċjali Nazzjonali ġew ospitati b'mod konġunt minn Guangdong, Hong Kong u l-Macao f'Novembru u Diċembru 2025, rispettivament. Din hija l-ewwel darba li l-logħob nazzjonali ġew ospitati b'mod konġunt mill-GBA.

Mit-23 ta' Diċembru, is-sewwieqa minn Guangdong tħallew isuqu lejn Hong Kong taħt l-iskema l-ġdida "Ivvjaġġar lejn in-Nofsinar għal Vetturi ta' Guangdong". L-inizjattiva bdiet b'100 vettura kuljum għal soġġorn sa 3 ijiem għal kull vettura ta' Guangdong.

Iċ-Ċina Kontinentali hija **l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fil-merkanzija**, li jammonta għal 51,4 % tal-kummerċ totali ta' Hong Kong fl-2025. Min-naħa tiegħu, Hong Kong huwa ċentru tal-kummerċ importanti għaċ-Ċina Kontinentali u kklassifika bħala t-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali taċ-Ċina fl-2025.

Hong Kong huwa **ċ-ċentru finanzjarju offshore u ċ-ċentru ta' investiment ewlieni taċ-Ċina Kontinentali**. Fl-2024 (l-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data), iċ-Ċina Kontinentali kienet l-akbar sors ta' IDB eżoġenu ta' Hong Kong, minbarra ċ-ċentri offshore, kif ukoll l-ewwel destinazzjoni għall-IDB endoġenu ta' Hong Kong, li jammonta għal 33 % tal-istokk ta' IDB eżoġenu u 52 % tal-istokk totali ta' IDB endoġenu⁸⁷. Min-naħa tiegħu, Hong Kong huwa l-akbar sors ta' IDB fiċ-Ċina Kontinentali u d-destinazzjoni ewlenija għall-IDB endoġenu taċ-Ċina Kontinentali, li jammonta għal 56,8 % tal-IDB eżoġenu taċ-Ċina u 61,2 % tal-IDB endoġenu taċ-Ċina (2024)⁸⁸. Kien hemm 1 552 intrapriża Kontinentali kkwotati fuq il-Borża

⁸⁷ Rapport statistiku dwar l-Istatistika tal-Investment Dirett Estern ta' Hong Kong (Edizzjoni tal-2024), <https://www.censtatd.gov.hk/en/wbr.html?ecode=B10400032024AN24&scode=260>.

⁸⁸ Il-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Kummerċ ta' Hong Kong

ta' Hong Kong fl-aħħar ta' Diċembru 2025, li jammontaw għal 79,3 % tal-kapitalizzazzjoni totali tas-suq.

IV. Relazzjonijiet bilaterali u kooperazzjoni bejn l-UE u Hong Kong

Fl-2025, l-Uffiċċju tal-UE f'Hong Kong kellu laqgħat regolari mal-awtoritajiet ta' Hong Kong, inkluż il-Kap Eżekuttiv, li matulhom iddiskuta kwistjonijiet ta' interess bilaterali u esprima tħassib dwar l-erożjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'Hong Kong u l-implimentazzjoni tal-NSL. L-Uffiċċju tal-UE kien ukoll f'kuntatt frekwenti mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Ministeru tal-Affarjiet Barranin taċ-Ċina (OCMFA). L-Uffiċċju tal-UE kien involut ukoll ma' uffiċjali għolja tal-gvern ta' Hong Kong, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati lokali ewlenin mid-dinja tan-negozju, dwar fajls rilevanti għall-kummerċ, in-negozju, is-servizzi finanzjarji u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-ekonomija.

Fl-2025, l-Uffiċċju tal-UE ffaċilita u appoġġa ż-żjarat f'Hong Kong minn uffiċjali tal-UE. F'Jannar, Dr Philip Lane, Kap Ekonomist u Membru tal-Bord Eżekuttiv fil-Bank Ċentrali Ewropew, żar Hong Kong u attenda avvenimenti. F'Lulju, Karen Braun-Munzinger, Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, iltaqa' ma' rappreżentanti mill-industrija, mal-HKMA u mal-SFC. F'Settembru, is-Sur Siegfried Ruhl, Konsulent ta' Hors Classe, u s-Sa Lara Pavanello, Kap tat-Tim - Relazzjonijiet mal-Investituri u Ġestjoni tan-Network tan-Negozjanti Primarji – fid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni Ewropea ltaqgħu mal-HKMA u ma' istituzzjonijiet tas-servizzi finanzjarji. L-uffiċjali li jkopru s-servizzi kummerċjali u finanzjarji fid-Delegazzjoni tal-UE għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'Beijing ivvjaġġaw ukoll lejn Hong Kong u ltaqgħu mal-partijiet ikkonċernati lokali. Min-naħa l-oħra, għadd ta' uffiċjali ta' Hong Kong żaru l-Istati Membri tal-UE fl-2025.

Skont il-mandat mogħti mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2020 dwar Hong Kong, l-Uffiċċju tal-UE f'Hong Kong u l-Konsulati Ġenerali tal-Istati Membri tal-UE f'Hong Kong komplew jimmonitorjaw il-proċessi miġjuba kontra l-attivisti favur id-demokrazija f'Hong Kong u wettqu aktar minn 50 osservazzjoni ta' proċessi fl-2025.

Fl-2025, l-Uffiċċju tal-UE kompla jorganizza avvenimenti kulturali biex jippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. F'Diċembru 2025, l-Uffiċċju tal-UE organizza b'mod konġunt il-Premju Annwali tal-Arti "Il-Kuluri tal-Umanità", li qabel kien magħruf bħala l-Premju tal-Arti tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Hong Kong. L-Uffiċċju tal-UE kompla wkoll jorganizza b'mod konġunt il-festival annwali tal-films dokumentarji UE-Asja ta' Hong Kong biex jixħet dawl fuq l-inugwaljanzi soċjali.

F'koordinazzjoni mill-qrib mal-komunità Ukrena f'Hong Kong, l-Uffiċċju tal-UE organizza esebizzjoni ta' ritratti biex ifakkar it-tielet anniversarju tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar. Sabiex ikompli jqajjem kuxjenza f'Hong Kong dwar il-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Uffiċċju tal-UE wera produzzjonijiet relatati mas-suġġett fil-Festival tal-Films tal-UE ta' Hong Kong u fil-Festival tad-Dokumentarji UE-Asja.

Sabiex jesprimi l-impenn tal-UE għall-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u l-appoġġ tiegħu għad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, l-Uffiċċju tal-UE għen lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni ta' wiri ta' films u panel ta' diskussjonijiet biex ilaqqgħu flimkien is-soċjetà

ċivili, dawk li jfasslu l-politika u l-Korp Konsulari. L-Uffiċċju tal-UE reġa' pparteċipa fl-avveniment annwali msejjaħ Pride Bazaar fl-2025.

L-Uffiċċju tal-UE żamm kuntatt regolari mal-gruppi tas-soċjetà ċivili f'Hong Kong li jaħdmu fuq firxa ta' suġġetti, inklużi d-drittijiet tal-priġunieri u s-sitwazzjoni tal-ħaddiema domestiċi barranin.

L-Uffiċċju tal-UE organizza diversi avvenimenti matul is-sena taħt il-Faċilità għad-Djalogu ta' Politika u d-Diplomazija Pubblika tal-UE għal Hong Kong u l-Macao. Ir-raba' edizzjoni tal-Green Way ġiet organizzata f'Ġunju, flimkien mas-šhab lokali tal-uffiċċju tal-UE. Il-Green Way huwa avveniment ewlieni li jippromwovi l-iskambju ta' ideat u ta' soluzzjonijiet u politiki kummerċjali tal-UE dwar l-aħjar mod kif jiġu dekarbonizzati l-ekonomiji tagħna. L-avveniment laqqa' madwar 200 parteċipant u ra l-parteċipazzjoni fl-oġġla livell kemm mill-Gvern (infetaħ mill-Kap Eżekuttiv John Lee u mill-Kap tal-Uffiċċju tal-UE Harvey Rouse) kif ukoll mill-industrija. Ġew ipprovduti rakkomandazzjonijiet biex jippermettu parteċipazzjoni akbar tal-industrija tal-UE u tal-istandards tal-UE b'appoġġ għall-aġenda ambjentali ta' Hong Kong.

Fl-2025, l-UE baqgħet l-akbar komunità kummerċjali barranija mhux Ċiniża fil-belt, qabel il-Ġappun, l-Istati Uniti u r-Renju Unit, skont l-istħarriġ annwali dwar il-kumpaniji barranin mid-Dipartiment ta' Ċensiment u l-Istatistika ta' Hong Kong⁸⁹. Mill-inqas 1 770 kumpanija tal-UE kienu attivi f'Hong Kong fl-2025. Madwar nofs dawn il-kumpaniji tal-UE (850) kienu qed jużaw il-belt bħala l-kwartieri ġenerali reġjonali jew l-uffiċċji reġjonali tagħhom. In-negozji tal-UE kienu preżenti f'firxa wiesgħa ta' setturi, inklużi s-servizzi finanzjarji u tan-negozju, il-kummerċ u l-loġistika, il-bejgħ bl-imnut, l-ikel u x-xorb, il-konstruzzjoni u l-inġinerija, u l-immaniġġar tal-iskart. L-istħarriġ wera li l-għadd ta' kumpaniji tal-UE rreġistrati kien 7,9 % akbar milli fl-2024 u 10,4 % akbar milli fl-2019 (livelli ta' qabel il-COVID-19 u ta' qabel l-NSL). Madankollu, l-istħarriġ juri wkoll li l-għadd ta' kumpaniji tal-UE bi kwartieri ġenerali reġjonali u uffiċċji reġjonali f'Hong Kong għadu taħt il-livelli tal-2019 (-6,2 % fl-2025 mill-2019) u li l-kumpaniji tal-UE huma iżgħar fid-daqs bħala medja (b'medja ta' 37.3 membru tal-persunal għal kull kumpanija fl-2025, tnaqqis ta' 12,6 % mill-2024 u tnaqqis ta' 24,3 % mill-2019).

Fl-2025, il-kummerċ bilaterali tal-merkanzija bejn l-UE u Hong Kong kien jammonta għal EUR 27,7 biljun, tnaqqis ta' 1,8 % mill-2024. L-esportazzjonijiet tal-UE ta' merkanzija lejn Hong Kong ammontaw għal EUR 23,3 biljun, filwaqt li l-importazzjonijiet minn Hong Kong lejn l-UE ammontaw għal EUR 4,4 biljun, li rriżultaw f'**surplus ta' EUR 18,9 biljun** għall-UE. L-UE kienet is-sitt l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fil-merkanzija fl-2025, wara ċ-Ċina Kontinentali, it-Tajwan, l-Istati Uniti, il-Vjetnam u Singapore. Hong Kong baqa' pjattaforma importanti għall-kummerċ bejn iċ-Ċina Kontinentali u l-UE.

Fl-2025, il-kummerċ bejn Hong Kong u l-UE kien ikkonċentrat fi ftit kategoriji ta' prodotti, b'mod partikolari l-elettronika, il-makkinarju industrijali, l-oġġetti lussużi, u l-istrumenti ta' preċiżjoni. L-esportazzjonijiet ta' Hong Kong lejn l-UE kienu xprunati l-aktar minn makkinarju elettriku u tagħmir mekkaniku, li rreġistraw tkabbir qawwi ta' 17 % u 62 %, rispettivament. L-istrumenti ottiċi u mediċi żdiedu wkoll bi 17 %. B'kuntrast għal dan, l-esportazzjonijiet tal-ġojjellerija u tal-metalli prezzjużi naqsu sew b'21 %, għalkemm ix-xogħlijiet tal-arti u l-

⁸⁹ Rapport dwar l-Istħarriġ Annwali tal-Kumpaniji f'Hong Kong ma' Kumpaniji Prinċipali li jinsabu barra minn Hong Kong (edizzjoni tal-2025)

<https://www.censtatd.gov.hk/en/EIndexbySubject.html?rcode=360&rcode=B1110004&r=en>

antikitajiet żdiedu b'169 %. Min-naħa tal-importazzjoni, Hong Kong kompli jiddependi fuq l-UE għal prodotti lussużi u manifatturati ta' kwalità għolja. L-importazzjonijiet ta' makkinarju elettriku u prodotti ta' ġojjellerija żdiedu b'mod modest b'1 % u 3 %, filwaqt li l-makkinarju, l-oġġetti tal-ġilda, u l-istrumenti ottiċi u mediċi naqsu b'bejn 2 % u 5 %.

L-UE kienet ir-**raba' l-akbar** sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fis-servizzi fl-2023 (skont id-Dipartiment ta' Ċensiment u l-Istatistika ta' Hong Kong, l-2023 kienet l-aħħar sena sħiħa li għaliha d-data ta' Hong Kong kienet disponibbli meta nkiteb dan ir-rapport). Fl-2024, Hong Kong kien **l-għaxar l-akbar** sieħeb tal-UE għall-kummerċ fis-servizzi (l-Eurostat). Id-data tal-Eurostat turi li l-kummerċ tal-UE fis-servizzi ma' Hong Kong kien jammonta għal EUR 48,6 biljun fl-2024, żieda ta' 25,5 % sena wara sena. L-esportazzjonijiet tal-UE ta' servizzi lejn Hong Kong fl-2024 kienu jammontaw għal EUR 33,7 biljun u l-importazzjonijiet minn Hong Kong kellhom valur ta' EUR 15,0 biljun, li rriżultaw f'surplus ta' EUR 18,7 biljun għall-UE. Is-servizzi prinċipali nneozjati huma s-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjoni, is-servizzi tal-kompjuter u tal-informazzjoni, is-servizzi finanzjarji u servizzi kummerċjali oħrajn.

L-UE kienet is-sitt l-akbar investitur f'Hong Kong u s-sitt l-akbar destinazzjoni għall-IDB ta' Hong Kong globalment fl-2024 (statistika ta' Hong Kong, l-2024 kienet l-aħħar sena li għaliha kienet disponibbli d-data meta nkiteb dan ir-rapport). Skont l-Eurostat, **Hong Kong kien id-disa' l-akbar sors ta' stokk ta' IDB fl-UE fl-2024** (esklużi ċ-ċentri offshore) b'valur ta' EUR 114,3 biljun (tnaqqis ta' 28,6 % sena wara sena), u l-14 l-akbar destinazzjoni tal-istokk ta' IDB tal-UE, b'valur ta' EUR 93,0 biljun (+12,2 % sena wara sena).

F'Diċembru 2024, il-Kunsill tal-UE emenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jimminaw jew jheddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, u d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Wieħed mir-riżultati ta' din l-emenda kien li l-entitajiet ta' Hong Kong jiżdiedu mal-lista stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u fl-Annessi tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Barra minn hekk, l-UE elenkat bastimenti bi sjieda jew ġestjoni f'Hong Kong bħala parti mill-flotta mistura tar-Russja.